IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 15.11.2011
KUMM(2011) 751 finali

2011/0366 (COD) C7-0443/11

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-politiki relatati mal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ilhom jikbru b'mod kostanti tul dawn l-aħħar snin. L-importanza tagħhom ġiet ikkonfermata mill-Programm ta' Stokkolma[1] u l-Pjan ta' Azzjoni[2] tiegħu, li l-implementazzjoni tiegħu hija prijorità strateġika għall-ħames snin li ġejjin u jkopri oqsma bħall-migrazzjoni (migrazzjoni legali u integrazzjoni; l-ażil; il-migrazzjoni irregolari u r-ritorn), is-sigurtà (il-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata; il-kooperazzjoni tal-pulizija) u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni (inkluż il-politika dwar il-viża), kif ukoll id-dimensjoni esterna ta' dawn il-politiki. It-Trattat ta' Lisbona jippermetti wkoll li l-Unjoni turi ambizzjoni akbar fir-rispons għat-tħassib ta' kuljum taċ-ċittadini fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Il-programm ta' Stokkolma jirrikonoxxi kemm l-opportunitajiet u kif ukoll l-isfidi maħluqa mill-mobilità miżjuda tal-persuni, u jissottolinja li migrazzjoni ġestita sew tista' tkun ta' benefiċċju għall-partijiet interessati. Il-Kunsill Ewropew bl-istess mod irrikonoxxa li, fil-kuntest tal-isfidi demografiċi importanti li l-Unjoni ser tiffaċċja fil-futur b'żieda fid-domanda għax-xogħol, politiki ta' migrazzjoni flessibbli se jagħtu kontribut importanti għall-iżvilupp ekonomiku tal-Unjoni u l-prestazzjoni fit-tul.

Fid-29 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni adottat proposta għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss għall-perjodu 2014-2020[3]: baġit għat-twettiq tal-istrateġija Ewropa 2020. Fil-qasam tal-politiki dwar l-affarijiet interni, li jkopri s-sigurtà, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni, il-Kummissjoni pproponiet li tissimplifika l-istruttura tal-istrumenti tan-nefqa billi tnaqqas in-numru ta' programmi għal struttura ta' żewġ pilastri: Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u Fond għas-Sigurtà Interna.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil li juża l-proċess tal-bini tal-kapaċità żviluppat bl-għajnuna tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati[4], il-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi[5] u l-Fond Ewropew għar-Ritorn[6] u jestendih biex jolqot aspetti differenti b'mod aktar komprensiv dwar il-politika komuni dwar l-ażil u l-immigrazzjoni tal-Unjoni, inkluż azzjonijiet f'pajjiżi terzi li jindirizzaw primarjament interessi u objettivi tal-UE f'dawk l-oqsma tal-politika, u jqis żviluppi ġodda.

Fil-qafas tal-iżvilupp ta' politika komuni dwar l-ażil bil-għan li toffri status xieraq lil kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u tiżgura konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement kif stabbilit fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa neċessarju, ibbażat fuq is-solidarjetà bejn l-Istati Membri, li jkunu stabbiliti mekkaniżmi li jippromwovu bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri waqt li jirċievu u jġorru l-konsegwenzi meta jirċievu persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u persuni spostati. Dan jinkludi wkoll komponent qawwi ta' risistemazzjoni u rilokazzjoni.

---

1 ĠU C 115, 4.5.2010, p.1.
2 COM(2010)171 finali tal-20/04/2010.
3 COM(2011)500 finali.
4 Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 1)
5 Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE (ĠU L 168, 28.6.2007, p. 18)
6 Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 45)

Politika organizzata tajjeb ta' immigrazzjoni legali u strateġiji aktar effettivi ta' integrazzjoni, f'konformità mal-Programm ta' Stokkolma u appoġġjata mill-istrumenti legali tal-Unjoni għandhom rwol ċentrali fl-iżgurar tal-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u finalment il-futur tal-mudell soċjali tagħha. F'dan id-dawl, l-integrazzjoni aħjar, ekonomikament u soċjalment, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment tibqa' l-aktar aspett importanti biex wieħed jimmassimizza l-benefiċċji tal-immigrazzjoni.

Politika ta' ritorn effettiva u sostenibbli hija element essenzjali ta' sistema ta' migrazzjoni ġestita tajjeb fl-Unjoni. Hija wkoll aspett komplimentari neċessarju għal politika dwar l-immigrazzjoni u l-ażil legali u kredibbli, kif ukoll element importanti fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari.

Avvenimenti reċenti fil-fruntiera Griega/Torka u fil-Mediterran tan-Nofsinhar wrew ukoll kemm huwa importanti għall-Unjoni li jkollha approċċ komprensiv għall-migrazzjoni, li jkopri aspetti varji bħall-ġestjoni tal-fruntieri u l-governanza ta' Schengen imsaħħa, migrazzjoni legali mmirata aħjar, tixrid imtejjeb tal-aħjar prattiki dwar l-integrazzjoni, Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil imsaħħa, u approċċ aktar strateġiku għar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi dwar il-migrazzjoni.

## 2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

F'konformità mal-enfasi akbar imqiegħed fuq l-evalwazzjoni bħala għodda biex ikun infurmat it-tfassil tal-politika, din il-proposta tkun infurmata bir-riżultati tal-evalwazzjoni, il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-valutazzjoni tal-impatt.

Ir-riżultati tar-rapporti dwar l-evalwazzjoni ex-post tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu 2005-2007 u dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-perjodu 2007-2009 u tal-Fond Ewropew għar-Ritorn għall-2008-2009 kienu partikolarment importanti f'dan ir-rigward.

Ix-xogħol fuq it-tħejjija tal-istrumenti finanzjarji futuri għall-affarijiet interni beda fl-2010 u tkompla fl-2011. Bħala parti minn dan ix-xogħol preparatorju, f'Diċembru 2010 tnieda studju ta' evalwazzjoni/valutazzjoni tal-impatt bl-għajnuna ta' kuntrattur estern. Dan l-istudju tlesta f'Lulju 2011 u ġabar flimkien riżultati disponibbli ta' evalwazzjoni għall-istrumenti finanzjarji eżistenti u informa dwar il-problemi, l-objettivi u l-għażliet tal-politika, inkluż l-impatt probabbli tagħhom, eżaminati fil-valutazzjoni tal-impatt. B'żieda fuq dan l-istudju, il-Kummissjoni ħejjiet rapport tal-valutazzjoni tal-impatt li fih il-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt wassal l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Settembru 2011.

Il-valutazzjoni tal-impatt tqis ir-riżultati ta' konsultazzjoni pubblika onlajn iddedikata dwar il-futur tal-finanzjament tal-affarijiet interni. Il-konsultazzjoni damet mill-5 ta' Jannar sal-20 ta' Marzu 2011 u kienet miftuħa għall-partijiet interessati kollha. Ġew irċevuti total ta' 115-il tweġiba minn individwi u għan-nom ta' organizzazzjonijiet, inklużi 8 dokumenti ta' pożizzjoni. Dawk li wieġbu mill-Istati Membri kollha kkontribwew għall-konsultazzjoni kif ukoll dawk li wieġbu minn xi pajjiżi terzi.

F'April 2011, il-konferenza "Il-futur tal-finanzjament tal-UE għall-Affarijiet Interni: Ħarsa mill-ġdid" ġabret flimkien partijiet interessati ewlenin (L-Istati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, eċċ) u tathom l-opportunità li jaqsmu l-

fehmiet tagħhom dwar il-futur tal-finanzjament mill-Unjoni għall-affarijiet interni. Il-konferenza kienet ukoll okkażjoni biex ikun ivvalidat ir-riżultat tal-evalwazzjoni u l-konsultazzjoni pubblika.

Il-futur tal-finanzjament tal-Unjoni għall-affarijiet interni ġie għall-attenzjoni u diskuss mal-partijiet interessati istituzzjonali f'diversi okkażjonijiet, inkluż f'diskussjoni informali waqt ikla waqt il-Kunsill ĠAI fil-21 ta' Jannar 2011, f'kolazzjon informali mal-koordinaturi politiċi tal-Parlament Ewropew fis-26 ta' Jannar 2011, fis-seduta tal-Kummissarju Malmström quddiem il-Kumitat SURE tal-Parlament fl-10 ta' Marzu 2011 u matul skambju ta' fehmiet bejn id-Direttur Ġenerali tad-DĠ Affarijiet Interni u l-Kumitat LIBE tal-Parlament fis-17 ta' Marzu 2011.

Ġew ipprovduti pariri esperti speċifiċi dwar l-istrumenti finanzjarji futuri fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni permezz ta' diskussjonijiet li seħħew matul il-Kumitat dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil tat-22 ta' Frar 2011, fil-laqgħa tan-netwerk tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni fil-15 ta' Marzu 2011, fil-laqgħa tal-Kumitat ta' Kuntatt dwar id-Direttiva ta' Ritorn fit-18 ta' Marzu 2011 u fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil fis-27 ta' April 2011. Barra minn hekk, l-aspetti tekniċi marbuta mal-implimentazzjoni tal-istrument finanzjarju futur fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni ġew diskussi wkoll fuq il-bażi tal-konsultazzjoni bil-miktub f'April 2011 mal-esperti tal-Istati Membri fil-qafas tal-Kumitat komuni għall-Programm Ġenerali dwar is-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni ('Kumitat SOLID').

Il-konsultazzjonijiet, konferenzi u diskussjonijiet esperti t'hawn fuq ikkonfermaw li hemm qbil ġenerali fost il-partijiet interessati ewlenin dwar il-bżonn li jwessgħu l-ambitu ta' azzjoni għall-finanzjament tal-Unjoni fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni, inkluż fir-rigward tad-dimensjoni esterna tiegħu, u l-bżonn biex jaħdmu lejn aktar simplifikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' twassil u flessibilità akbar, b'mod partikolari biex jirrispondu għall-emerġenzi. Fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni, il-partijiet interessati qiesu li l-prijoritajiet tematiċi wiesgħa diġà ġew stabbiliti mill-Programm ta' Stokkolma u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu. Kien hemm appoġġ wiesa' biex jitnaqqas in-numru ta' strumenti finanzjarji għal struttura ta' żewġ Fondi sakemm dan filfatt iwassal għas-simplifikazzjoni. Huma qablu wkoll fuq il-ħtieġa għal mekkaniżmu flessibbli ta' rispons waqt emerġenza sabiex l-UE twieġeb malajr u b'mod effettiv għall-kriżijiet relatati mal-migrazzjoni u s-sigurtà. Il-ġestjoni maqsuma li tersaq lejn programmazzjoni multiannwali bid-definizzjoni ta' miri komuni fil-livell tal-Unjoni kienet ġeneralment meqjusa bħala l-metodu ta' ġestjoni xieraq għall-infiq kollu tal-affarijiet interni għalkemm l-organizzazzjonijiet mhux governattivi kienu tal-fehma li l-ġestjoni diretta kellha titkompla wkoll. Il-partijiet interessati appoġġjaw ukoll it-tisħiħ tar-rwol tal-aġenziji tal-affarijiet interni sabiex jitrawwem il-koooperazzjoni u jiżdiedu s-sinerġiji.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Id-dritt għall-azzjoni jirriżulta mill-Artikolu 3 (2) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea li jiddikjara li "l-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fih il-moviment liberu tal-persuni jkun assigurat flimkien ma' miżuri xierqa f'dak li jirrigwarda l-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-asil, l-immigrazzjoni kif ukoll il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontriha".

L-azzjoni tal-Unjoni hija ġġustifikata fuq il-bażi tal-objettivi stipulati fl-Artikolu 67 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni (minn hawn iżjed 'il quddiem 'it-Trattat'), li jistabbilixxi l-mezzi li jikkostitwixxu spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Ir-Regolament huwa bbażat fuq bażijiet legali fit-Titolu V tat-Trattat fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja jiġifieri fuq l-Artikoli 78(2) u 79(2) u (4) li jikkostitwixxu l-bażi legali għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ażil, l-immigrazzjoni, il-ġestjoni tal-flussi migratorji, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri, il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin, inkluż permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

Dawn l-Artikoli jikkostitwixxu bażijiet legali kompatibbli fid-dawl tal-pożizzjoni tar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka fir-rigward tal-oqsma li jkopru, u b'hekk jipprovdu regoli tal-votazzjoni kompatibbli fil-Kunsill. Proċedura leġiżlattiva ordinarja ulterjuri tapplika għal kull wieħed minnhom.

Qed tinġibed l-attenzjoni wkoll għall-Artikolu 80 tat-Trattat li jenfasizza li dawn il-politiki tal-Unjoni u l-implimentazzjoni tagħhom għandhom ikunu rregolati mill-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, inkluż l-implikazzjonijiet finanzjarji tiegħu bejn l-Istati Membri.

B'mod ġenerali, dan huwa qasam fejn hemm valur miżjud evidenti fl-interventi tal-Unjoni meta mqabbla mal-Istati Membri li jaġixxu waħedhom. L-Unjoni Ewropea tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tipprovdi qafas għall-espressjoni ta' solidarjetà tal-Unjoni fil-ġestjoni tal-flussi migratorji. L-appoġġ finanzjarju provdut taħt dan ir-Regolament għalhekk jikkontribwixxi b'mod partikolari biex jissaħħu l-kapaċitajiet nazzjonali u Ewropej f'dan il-qasam. Għal dak il-għan, dan ir-Regolament inter alia jimmira li jsaħħaħ u jiżviluppa s-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, li jtejjeb is-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari lejn dawk l-aktar milquta mill-flussi migratorji u tal-ażil, li jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' strateġiji tal-immigrazzjoni proattivi rilevanti u ta' appoġġ għall-proċess ta' integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u jippromwovi l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'iffokar partikolari fuq il-livelli lokali u reġjonali tal-Istati Membri, sabiex jittejbu l-kapaċitajiet tal-Istati Membri biex jippromwovu strateġiji ta' ritorn ġusti u effettivi u jkun appoġġjat l-iżvilupp ta' sħubiji u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

Madankollu, huwa rikonoxxut bis-sħiħ li l-interventi għandhom isiru fil-livell xieraq u l-irwol tal-Unjoni m'għandux imur lil hinn minn dak li hu meħtieġ. Kif ir-Reviżjoni tal-Baġit enfasizzat, il-"baġit tal-UE għandu jintuża sabiex jiffinanzja ġid pubbliku tal-UE, l-azzjonijiet li l-Istati Membri u r-reġjuni ma jistgħux jiffinanzjawhom huma stess, jew fejn jista' jikseb riżultati aħjar"[7].

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Qafas Finanzjarju Multiannwali tinkludi proposta ta' EUR 3,869 miljun (fi prezzijiet attwali) għall-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil għall-perjodu 2014-2020. B'mod indikattiv, aktar minn 80% ta' dan l-ammont (EUR 3,232 miljun) se jintużaw għall-programmi nazzjonali tal-Istati Membri filwaqt li EUR 637 miljun għandhom jiġu amministrati ċentralment mill-Kummissjoni biex tiffinanzja azzjonijiet tal-Unjoni, assistenza

[7] "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE", COM (2010) 700, 19.10.2010.

ta’ emerġenza, in-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, assistenza teknika u l-implimentazzjoni ta’ kompiti operattivi speċifiċi mill-aġenziji tal-Unjoni.

EUR miljun (prezzijiet attwali)

| | |
|---|---|
| **Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil** | **3,869** |
| Programmi nazzjonali | 3,232 |
| Ġestjoni ċentralizzata | 637 |

# 5. ELEMENTI PRINĊIPALI TAL-PROPOSTA

## 5.1. Riżorsi għall-Istati Membri

L-aktar parti importanti tar-riżorsi disponibbli taħt il-Fond se tiġi mgħoddija permezz ta’ programmi nazzjonali tal-Istati Membri li jkopru l-perjodu kollu 2014-2020. Għal dan il-għan, l-ammont ta’ riżorsi li għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri fi ħdan il-Fond ser ikun magħmul minn ammont bażiku u ammont varjabbli. Wara reviżjoni f'nofs it-terminu ammont addizzjonali jista’ jiġi allokat mis-sena baġitarja 2018.

### *5.1.1. Ammont bażiku*

L-ammont bażiku huwa stabbilit fuq il-bażi tal-aktar dejta statistika reċenti disponibbli dwar il-flussi migratorji, bħalma huwa l-għadd ta’ applikazzjonijiet tal-ewwel ażil, id-deċiżjonijiet pożittivi li jagħtu protezzjoni għar-refuġjati u sussidjarja, in-numru ta' refuġjati risistemati, stokk u flussi ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi residenti legalment, in-numru ta’ deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali u n-numru ta’ ritorni effettwati[8]. Din id-dejta hija l-istess bħal dawk użati s'issa għall-kalkolu ta’ allokazzjonijiet taħt il-Fond Ewropew għar-Refuġjati, il-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta’ pajjiżi terzi u l-Fond Ewropew għar-Ritorn. Sabiex tiġi żgurata massa kritika għall-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali, EUR 5 miljun huwa miżjud bħala ammont minimu lil kull Stat Membru.

L-ammonti bażiċi allokati lil Stati Membri individwali se jservu bħala bażi biex jibda d-djalogu dwar il-politika, segwit mill-programmazzjoni multiannwali, biex jappoġġja, min-naħa, numru limitat ta’ objettivi obbligatorji (eż. it-tisħiħ tal-istabbiliment ta’ Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil permezz tal-iżgurar tal-applikazzjoni effiċjenti u uniformi tal-acquis tal-Unjoni dwar l-ażil jew l-iżvilupp ta’ programm ta’ ritorn volontarju assistit inkluż komponent dwar ir-riintegrazzjoni) u, min-naħa l-oħra, biex jindirizza l-bżonnijiet speċifiċi ta’ kull Stat Membru.

### *5.1.2. Ammont varjabbli*

L-ammont varjabbli se jiġi allokat wara d-djalogu dwar il-politika msemmi hawn fuq għal dawk l-Istati Membri li lesti li jaħdmu f'dawk l-oqsma operattivi li jiddependu fuq l-impenn politiku tagħhom u r-rieda li tittieħed azzjoni, jew il-kapaċità li ssir kooperazzjoni ma’ Stati Membri oħra. Dan se jkun il-każ għall-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet speċifiċi bħal

[8] Dejta miġbura mill-Eurostat (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-Migrazzjoni u l-Protezzjoni internazzjonali.

pereżempju l-ipproċessar konġunt ta' applikazzjonijiet għall-ażil, operazzjonijiet konġunti ta' ritorn, it-twaqqif ta' ċentri ta' migrazzjoni konġunti) kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' risistemazzjoni u rilokazzjoni.

Għal dak li jikkonċerna r-risistemazzjoni, l-Istati Membri se jirċievu inċentivi finanzjarji (somom sħaħ) kull sentejn fuq il-bażi tal-wegħda tagħhom li se ssegwi l-istabbiliment ta' prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni. Dawn se jkunu r-riżultat ta' proċess politiku li jinvolvi b'mod partikolari l-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u jirrifletti l-iżviluppi tal-politika fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Permezz ta' dawn l-inċentivi finanzjarji, għandhom jintlaħqu żewġ objettivi: wieħed kwantitattiv, jiġifieri li jiżdiedu b'mod sinifikanti l-figuri ta' risistemazzjoni attwali li huma żgħar wisq, u wieħed kwalitattiv, jiġifieri biex tissaħħaħ id-dimensjoni Ewropea permezz tal-implimentazzjoni ta' prijoritajiet komuni definiti u dinamiċi ta' risistemazzjoni tal-Unjoni.

Barra minn hekk, abbażi ta' eżerċizzju ta' wegħdiet simili u f'intervalli regolari, l-Istati Membri se jirċievu inċentivi finanzjarji (somom sħaħ) għar-rilokazzjoni ta' benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali.

### *5.1.3. Allokazzjoni ta' nofs it-terminu*

Parti mir-riżorsi disponibbli se jinżammu għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu.

Min-naħa waħda dan se jippermetti l-allokazzjoni ta' ammonti addizzjonali lil dawk l-Istati Membri li għaddejjin minn bidliet sinifikanti fil-flussi migratorji u l-preżentazzjoni ta' bżonnijiet speċifiċi dwar l-ażil tagħhom u sistemi ta' akkoljenza u, min-naħa l-oħra, l-allokazzjoni ta' ammonti addizzjonali lil dawk l-Istati Membri lesti biex jimplimentaw azzjonijiet speċifiċi. Din tal-aħħar tista' tkun riveduta skont l-iżviluppi politiċi l-aktar riċenti.

## 5.2. Aġenziji tal-Unjoni

Sabiex tuża b'mod aktar effettiv il-kompetenza u l-għarfien espert ta' aġenziji rilevanti tal-Unjoni fil-qasam tal-affarijiet interni, il-Kummissjoni tipprevedi wkoll li tagħmel użu mill-possibbiltà offruta mir-Regolament Finanzjarju[9] li tafda, fi ħdan ir-riżorsi disponibbli taħt dan ir-Regolament, l-implimentazzjoni ta' kompiti speċifiċi lil dawn l-aġenziji, fil-qafas tal-missjonijiet tagħhom u b'mod komplementari mal-programmi tax-xogħol tagħhom. Għall-kompiti koperti minn dan ir-Regolament dan jikkonċerna b'mod partikolari l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Asil (EASO) u l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Aġenzija Frontex) għal attivitajiet fl-UE u barra minnha li jirrikjedu għarfien espert operattiv dwar kwistjonijiet relatati mal-ażil u l-immigrazzjoni irregolari, rispettivament.

## 5.3. Azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew fir-rigward tagħhom

Dan il-Fond għandu jappoġġja azzjonijiet adattati primarjament għal interessi tal-Unjoni, li għandhom impatt dirett fl-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u jiżgura kontinwità neċessarja ma' attivitajiet implimentati fit-territorju tal-Unjoni. Azzjonijiet li huma direttament orjentati

[9] Ir-reviżjoni triennali tar-Regolament Finanzjarju tintroduċi tibdil fil-prinċipji ta' ġestjoni kondiviża li jridu jitqiesu.

lejn l-iżvilupp m'għandhomx jiġu appoġġjati permezz ta' dan il-Fond. Fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, se titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati.

2011/0366 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 78(2), 79(2) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[10],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[11],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-objettiv tal-Unjoni li tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, għandu jintlaħaq, inter alia, permezz ta' miżuri komuni li jservu ta' qafas għall-politika dwar l-ażil u l-immigrazzjoni, ibbażata fuq solidarjetà bejn l-Istati Membri, li tkun ġusta għal pajjiżi terzi u ċ-ċittadini tagħhom. Il-Kunsill Ewropew tat-2 ta' Diċembru 2009 irrikonoxxa li r-riżorsi finanzjarji fl-Unjoni għandhom isiru dejjem aktar flessibbli u koerenti, kemm f'termini ta' ambitu u ta' applikabbiltà, sabiex jappoġġjaw żviluppi tal-politika fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni.

(2) Sabiex jikkontribbwixxi għall-iżvilupp tal-politika komuni tal-Unjoni dwar l-ażil u l-immigrazzjoni u għat-tisħiħ tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fid-dawl tal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' solidarjetà u kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (minn hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ 'il-Fond').

(3) Il-Fond għandu jesprimi solidarjetà permezz ta' assistenza finanzjarja lill-Istati Membri. Għandu jtejjeb il-ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji lejn l-Unjoni f'oqsma fejn l-Unjoni żżid il-valur massimu, b'mod partikolari permezz tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

---

10 ĠU C , , p. .
11 ĠU C , , p. .

(4) Biex tiġi żgurata politika uniformi u ta' kwalità għolja dwar l-ażil u jiġu applikati standards ogħla ta' protezzjoni internazzjonali, il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-funzjonament effettiv tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, li tinkludi miżuri dwar il-politika, il-leġiżlazzjoni, il-bini tal-kapaċità, waqt li jaġixxi f'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra, Aġenziji tal-Unjoni u pajjiżi terzi;

(5) Huwa xieraq li jiġu appoġġjati u mtejba l-isforzi magħmula minn Stati Membri biex jimplimentaw bis-sħiħ u kif jixraq l-acquis dwar l-ażil tal-Unjoni, b'mod partikolari biex jagħtu kondizzjonijiet ta' akkoljenza xierqa għal dawk li jfittxu l-ażil, persuni spostati u benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, sabiex tiġi żgurata determinazzjoni korretta tal-istatus, skont id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija[12], sabiex jiġu applikati proċeduri tal-ażil ġusti u effettivi u jippromwovu prattika tajba fil-qasam tal-ażil sabiex jipproteġu d-drittijiet ta' persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u s-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri jkunu jistgħu jaħdmu b'mod effiċjenti.

(6) Il-Fond għandu joffri appoġġ adegwat għal sforzi konġunti minn Stati Membri biex jidentifikaw, jikkondividu u jippromwovu l-aħjar prattiċi u jistabbilixxu strutturi ta' kooperazzjoni effettivi sabiex isaħħu l-kwalità tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-qafas tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

(7) Dan il-Fond għandu jikkumplimenta u jsaħħaħ l-attivitajiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Ażil (EASO) stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010[13] bil-ħsieb li jikkoordina l-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri dwar l-ażil, jappoġġja Stati Membri bi pressjonijiet partikolari fuq is-sistemi tal-ażil tagħhom u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

(8) Il-Fond għandu jappoġġja l-isforzi tal-Unjoni u tal-Istati Membri relatati mat-tisħiħ tal-kapaċità li jiżviluppaw, jimmonitorjaw u jevalwaw il-politiki tal-ażil tagħhom fid-dawl tal-obbligi tagħhom taħt il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni;

(9) Il-Fond għandu jappoġġja l-isforzi magħmula mill-Istati Membri biex jipprovdu protezzjoni internazzjonali u soluzzjoni dejjiema fit-territorji tagħhom lil refuġjati u persuni spostati identifikati bħala eliġibbli għal risistemazzjoni mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR), bħall-valutazzjoni tal-ħtiġiet tar-risistemazzjoni u t-trasferiment tal-persuni kkonċernati lejn it-territorji tagħhom, bil-ħsieb li jagħtuhom status legali sigur u jippromwovu l-integrazzjoni effettiva tagħhom;

(10) Il-Fond li għandu jipprovdu appoġġ għal operazzjonijiet ta' kondiviżjoni tal-piżijiet li jikkonsistu fit-trasferiment ta' applikanti għal u benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru wieħed għal ieħor.

---

[12] ĠU L 304, 30.9.2004, p. 12.
[13] ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.

(11) Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex tkun żgurata l-ġestjoni adegwata ta' flussi li dieħla ta' persuni li japplikaw għall-ażil jew forom oħra ta' protezzjoni internazzjonali huma komponent essenzjali tal-politika dwar l-ażil tal-Unjoni. Bil-għan li jkun provdut aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u soluzzjonijiet dejjiema fl-aktar stadju bikri possibbli, inkluż fil-qafas tal-iżvilupp ta' Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali[14], il-Fond għandu jinkludi komponent ta' risistemazzjoni qawwi tal-Unjoni.

(12) Biex itejbu u jsaħħu l-proċess ta' integrazzjoni fis-soċjetajiet Ewropej, il-Fond għandu jiffaċilita l-migrazzjoni legali lejn l-Unjoni f'konformità mal-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali tal-Istati Membri u jantiċipa t-tħejjija tal-proċess ta' integrazzjoni diġà fil-pajjiż ta' oriġini ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li deħlin fl-Unjoni.

(13) Sabiex ikun effiċjenti u jikseb l-ikbar valur miżjud, il-Fond għandu jsegwi approċċ aktar immirat, b'appoġġ għal strateġiji konsistenti speċifikament maħsuba biex jippromwovu l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq livell lokali u/jew reġjonali. Dawk l-istrateġiji għandhom ikunu implimentati l-aktar mill-awtoritajiet lokali jew reġjonali u l-atturi li mhumiex statali, filwaqt li ma jiġux esklużi awtoritajiet nazzjonali jekk l-organizzazzjoni amministrattiva tal-Istat Membru jirrekjedi dan. L-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni għandhom jagħżlu l-miżuri l-aktar adattati għas-sitwazzjoni partikolari tagħhom mill-varjetà ta' miżuri disponibbli.

(14) L-ambitu tal-miżuri ta' integrazzjoni għandu jinkludi wkoll ir-refuġjati, dawk li jfittxu l-ażil jew persuni mogħtija forom oħra ta' protezzjoni internazzjonali sabiex ikun żgurat approċċ komprensiv għall-integrazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' dawn il-gruppi fil-mira.

(15) Biex tiġi żgurata l-konsistenza tat-tweġiba tal-Unjoni Ewropea għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, azzjonijiet iffinanzjati taħt dan il-Fond għandhom ikunu speċifiċi u komplimentari għall-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-Fond Soċjali Ewropew. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan il-Fond għandhom jinħtieġu li jistabbilixxu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni mal-awtoritjiet deżinjati mill-Istati Membri għall-għan tal-ġestjoni tal-interventi tal-Fond Soċjali Ewropew.

(16) Il-Fond għandu jappoġġja l-Istati Membri fit-twaqqif ta' strateġiji għall-organizzazzjoni ta' migrazzjoni legali, it-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw, jimplimentaw, jimmonitorjaw u jevalwaw b'mod ġenerali l-istrateġiji, il-politiki u l-miżuri tal-immigrazzjoni u l-integrazzjoni kollha għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi l-istrumenti legali tal-Unjoni. Il-Fond għandu jappoġġja wkoll l-iskambju ta' informazzjoni, l-aħjar prattiċi u l-kooperazzjoni bejn id-dipartimenti differenti tal-amministrazzjoni kif ukoll ma' Stati Membri oħra.

(17) L-Unjoni għandha tkompli u tespandi l-użu ta' Sħubiji ta' Mobilità bħala l-qafas ta' kooperazzjoni prinċipali strateġiku, komprensiv u fit-tul għall-ġestjoni tal-migrazzjoni ma' pajjiżi terzi. Il-Fond għandu jappoġġja attivitajiet fil-qafas ta' Sħubiji ta' Mobilità li jseħħu jew fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi u li jimmiraw lejn l-insegwiment tal-ħtiġijiet

[14] COM(2005) 388 finali.

u l-prijoritajiet tal-Unjoni, f'azzjonijiet partikolari li jiżguraw il-kontinwità ta' finanzjament li jinkludu kemm l-Unjoni kif ukoll pajjiżi terzi.

(18) Huwa xieraq li jkomplu jappoġġjaw u jinkoraġġixxu l-isforzi tal-Istati Membri biex itejbu l-ġestjoni ta' ritorn fid-dimensjonijiet kollha tagħha, u bil-ħsieb ta' implimentazzjoni ġusta u effettiva kontinwa ta' standards komuni dwar ir-ritorn, b'mod partikolari kif stabbilit fid-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'permanenza illegali[15]. Il-Fond għandu jippromwovi l-iżvilupp ta' strateġiji ta' ritorn f'livell nazzjonali u wkoll miżuri li jappoġġjaw l-implimentazzjoni effettiva tagħhom f'pajjiżi terzi.

(19) *Fir-rigward tar-ritorn volontarju ta' persuni, inklużi persuni li jixtiequ jkunu rimpatrijati għalkemm ma jkunu taħt ebda obbligu li jħallu t-territorju*, għat-tali persuni rimpatrijati għandhom ikunu previsti inċentivi, bħal trattament preferenzjali fil-forma ta' għajnuna mtejba għar-ritorn. Dan it-tip ta' ritorn volontarju huwa fl-interess kemm ta' persuni rimpartrijati, kif ukoll tal-awtoritajiet f'termini ta' kost-effettività. L-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa jagħtu preferenza għar-ritorn volontarju.

(20) Madankollu, mill-perspettiva ta' politika, ir-ritorn volontarju u infurzat huma interkonnessi u għandhom effett li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa fil-ġestjoni tar-ritorn tagħhom biex isaħħu l-kumplimentaritajiet taż-żewġ forom. Hemm il-ħtieġa li jitwettqu ritorni infurzati sabiex tkun salvagwardjata l-integrità tal-politika dwar l-ażil u l-immigrazzjoni tal-Unjoni u s-sistemi tal-immigrazzjoni u l-ażil tal-Istati Membri. Għalhekk il-possibbiltà ta' ritorn infurzat hija prerekwiżit biex ikun żgurat li din il-politika ma tkunx mhedda u biex ikun infurzat l-istat tad-dritt, li fih innifsu huwa essenzjali għall-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Il-Fond għalhekk għandu jappoġġja azzjonijiet ta' Stati Membri sabiex ikun iffaċilitat ir-ritorn infurzat.

(21) Huwa wkoll imperattiv għall-Fond li jappoġġja miżuri speċifiċi għall-persuni rimpatrijati fil-pajjiż ta' ritorn sabiex ikun żgurat ritorn effettiv lejn il-belt jew reġjun tagħhom ta' oriġini taħt kundizzjonijiet tajbin u biex ittejjeb ir-riintegrazzjoni dejjiema tagħhom fil-komunità tagħhom;

(22) Il-ftehimiet ta' riammissjoni tal-Unjoni huma komponent integrali tal-politika ta' ritorn tal-Unjoni u għodda ċentrali għall-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji peress li jiffaċilitaw ir-ritorn malajr ta' migranti irregolari. Dawk il-ftehimiet huma element importanti fil-qafas tad-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ta' oriġini u t-tranżitu ta' migranti irregolari u l-implimentazzjoni tagħhom fil-pajjiżi terzi għandha tkun appoġġjata fl-interess ta' strateġiji ta' ritorn effettivi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni;

(23) Il-Fond għandu jikkumplimenta u jsaħħaħ l-attivitajiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Aġenzija Frontex) stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill

15 ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.

(KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004[16], li wieħed mill-inkarigi tagħha huwa li tipprovdi l-appoġġ neċessarju għall-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn konġunti tal-Istati Membri u tidentifika l-aħjar prattiki dwar l-akkwist ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u t-tneħħija ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu preżenti illegalment fit-territorji tal-Istati Membri.

(24) Il-Fond għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ mad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, azzjonijiet eliġibbli għandhom iqisu s-sitwazzjoni speċifika ta' persuni vulnerabbli, b'mod partikolari, b'attenzjoni speċjali u risponsi ddedikati lill-minorenni mhux akkumpanjati u minorenni oħra f'riskju.

(25) Miżuri f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom appoġġjati permezz tal-Fond għandhom jittieħdu f'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-Unjoni appoġġjati permezz ta' strumenti ta' assistenza esterna tal-Unjoni, kemm ġeografiċi u tematiċi; B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet għandha titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati. M'għandhomx ikunu intiżi sabiex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkumplimentaw, fejn xieraq, l-assistenza finanzjarja provduta permezz ta' strumenti tal-għajnuna esterna. Se tiġi żgurata wkoll il-koerenza mal-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-assistenza ta' emerġenza.

(26) Parti kbira tar-riżorsi disponibbli taħt il-Fond għandha tiġi allokata b'mod proporzjonali mar-responsabbiltà merfugħa minn kull Stat Membru permezz tal-isforzi tiegħu fil-ġestjoni tal-flussi migratorji abbażi ta' kriterji oġġettivi. Għal dak l-għan, għandha tintuża l-aktar dejta statistika reċenti disponibbli dwar il-flussi migratorji, bħalma huwa l-għadd ta' applikazzjonijiet tal-ewwel ażil, l-għadd ta' deċiżjonijiet pożittivi li jagħtu protezzjoni għar-refuġjati jew sussidjarja, l-għadd ta' refuġjati risistemati, l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment, l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li kisbu awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru sabiex jirrisjedu, l-għadd ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali u l-għadd ta' ritorni effettwati[17].

(27) Filwaqt li huwa xieraq li jkun allokat lil kull Stat Membru ammont ibbażat fuq l-aktar dejta statistika reċenti disponibbli, parti mir-riżorsi disponibbli taħt il-Fond għandha tkun imqassma wkoll għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet speċifiċi li jeħtieġu sforz kooperattiv fost l-Istati Membri u jiġġeneraw valur miżjud sinifikanti tal-Unjoni u għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Risistemazzjoni u għall-implimentazzjoni ta' rilokazzjoni tal-Unjoni.

(28) Għal dak il-għan, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi lista ta' azzjonijiet speċifiċi eliġibbli għal riżorsi mill-Fond. Għandhom jiġu allokati ammonti addizzjonali lil dawk l-Istati Membri li jagħmlu impenn biex jimplimentawhom.

---

[16] ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

[17] Dejta miġbura mill-Eurostat (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-Migrazzjoni u l-Protezzjoni internazzjonali.

(29) Fid-dawl tal-istabbiliment progressiv ta' Programm dwar ir-Risistemazzjoni tal-Unjoni, il-Fond għandu jipprovdi assistenza mmirata fil-forma ta' inċentivi finanzjarji (sommom sħiħa) għal kull refuġjat risistemat.

(30) Bil-ħsieb li jiżdied l-impatt tal-isforzi ta' risistemazzjoni tal-Unjoni biex tipprovdi protezzjoni lir-refuġjati u timmassimizza l-impatt strateġiku tar-risistemazzjoni permezz ta' mmirar aħjar għal dawk il-persuni li huma fi bżonn akbar ta' risistemazzjoni, għandhom ikunu formulati prijoritajiet komuni fil-livell tal-Unjoni fir-rigward tar-risistemazzjoni kull sentejn fuq il-bażi tal-kategoriji ġenerali speċifikati f'dan ir-Regolament.

(31) Minħabba l-vulnerabbiltà partikolari tagħhom, xi kategoriji ta' refuġjati għandhom dejjem jiġu inklużi fil-prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni.

(32) Meta jitqiesu l-ħtiġijiet ta' risistemazzjoni stabbiliti fil-prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni, huwa meħtieġ ukoll li jkunu pprovduti inċentivi finanzjarji addizzjonali għar-risistemazzjoni ta' persuni fir-rigward ta' reġjuni ġeografiċi speċifiċi u nazzjonalitajiet kif ukoll tal-kategoriji speċifiċi ta' refuġjati li għandhom jiġu risistemati, fejn ir-risistemazzjoni tkun determinata bħala l-aktar rispons xieraq għall-ħtiġijiet speċjali tagħhom.

(33) Biex tiġi mtejba s-solidarjetà u tiġi kondiviża aħjar ir-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari lejn dawk l-aktar milquta mill-flussi tal-ażil, mekkaniżmu simili bbażat fuq inċentivi finanzjarji għandu jiġi stabbilit ukoll għar-rilokazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali.

(34) Bil-ħsieb li jitqiesu l-bidliet sinifikanti fil-flussi migratorji u biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet tas-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza tal-Istati Membri, għandha titwettaq reviżjoni ta' nofs it-terminu. Għal dak il-għan, għandha tinżamm riserva finanzjarja għad-distribuzzjoni fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu.

(35) L-appoġġ ipprovdut mill-Fond ser ikun aktar effiċjenti u jġib valur miżjud akbar jekk numru limitat ta' objettivi obbligatorji jiġu identifikati f'dan ir-Regolament li jridu jiġu segwiti fil-programmi mfassla minn kull Stat Membru, filwaqt li jitqiesu s-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tiegħu.

(36) Huwa importanti għas-solidarjetà msaħħa li l-Fond jipprovdi appoġġ addizzjonali biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' emerġenza ta' pressjoni migratorja qawwija fi Stati Membri jew pajjiżi terzi jew fil-każ ta' influss bil-massa ta' persuni spostati, skont id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn[18], permezz ta' assistenza ta' emerġenza.

(37) Dan ir-Regolament għandu jiżgura l-kontinwazzjoni tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE tal-14 ta' Mejju 2008 li tistabbilixxi Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni[19] u jipprovdi assistenza

---

[18] ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12.
[19] ĠU L 131, 21.5.2008, p. 7.

finanzjarja meħtieġa għall-attivitajiet tiegħu f'konformità mal-objettivi u l-kompiti tiegħu kif stabbilit f'dan ir-Regolament.

(38) Għandha għalhekk titħassar id-Deċiżjoni 2008/381/KE.

(39) Fid-dawl tal-għan tal-inċentivi finanzjarji allokati lill-Istati Membri għar-risistemazzjoni u / jew ir-rilokazzjoni fil-forma ta' somom sħaħ, u minħabba li jirrappreżwentaw frazzjoni żgħira tal-ispejjeż attwali, dan ir-Regolament għandu jipprovdi għal ċertu derogi mir-regoli dwar l-eliġibilità tan-nefqa.

(40) Sabiex ikunu ssuplimentati jew emendati d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-ammonti globali għar-risistemazzjoni u rilokazzjoni, id-definizzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi u ta' prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, waqt it-tħejjija u t-tfassil ta' atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(41) Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi, effiċjenti u f'waqtha tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[20].

(42) Il-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni għandu jikkonċentra fuq attivitajiet fejn l-intervent tal-Unjoni jista' jagħti valur addizzjonali meta mqabbel ma' azzjoni tal-Istati Membri biss. Peress li l-Unjoni Ewropea tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tipprovdi qafas għall-espressjoni ta' solidarjetà tal-Unjoni fil-ġestjoni tal-flussi migratorji, l-appoġġ finanzjarju provdut taħt dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxi b'mod partikolari biex jissaħħu l-kapaċitajiet nazzjonali u tal-Unjoni f'dan il-qasam.

(43) Għall-għan tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni tiegħu, il-Fondu għandu jifforma parti minn qafas koerenti li jikkonsisti minn dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) Nru […/…] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-koperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi[21].

(44) Ladarba l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jikkontribbwixxi għal ġestjoni effettiva ta' flussi migratorji fl-Unjoni bħala parti mill-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, skont il-politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja u l-politika komuni dwar l-immigrazzjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat

---

[20] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
[21] ĠU L , , p. .

dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

(45) Id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sa l-2013[22] għandha titħassar.

(46) Id-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ritorn għall-perjodu mill-2008 sa l-2013[23] għandha titħassar.

(47) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE tal-25 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-perjodu mill-2007 sa l-2013[24] għandha titħassar.

(48) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, l-Irlanda [mhijiex tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta minnu jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu / innotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].

(49) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-Protokoll imsemmi, ir-Renju Unit [mhux qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut minnu jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu / innotifika x-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].

(50) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessi mat-Trattat dwar Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

[22] ĠU L 144, 6.6.2007, p. 1.
[23] ĠU L 144, 6.6.2007, p. 45.
[24] ĠU L 168, 28.6.2007, p. 18.

*Artikolu 1*

**Skop u ambitu**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal 31 ta' Diċembru 2020 il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (minn hawn 'il quddiem 'il-Fond').

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi:

(a) l-objettivi ta' appoġġ finanzjarju u l-azzjonijiet eliġibbli;

(b) il-qafas ġenerali għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet eliġibbli;

(c) ir-riżorsi finanzjarji disponibbli u d-distribuzzjoni tagħhom;

(d) il-prinċipji u l-mekkaniżmu għall-istabbiliment ta' prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni;

(e) l-objettivi, il-kompiti u l-kompożizzjoni tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni.

3. Dan ir-Regolament jipprovdi għall-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru .../… [Ir-Regolament Orizzontali].

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) 'risistemazzjoni' tfisser il-proċess li bih, fuq talba mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) ibbażata fuq il-ħtieġa ta' persuna għall-protezzjoni internazzjonali, ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li jkollhom status definit mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u li jkunu awtorizzati jirresjedu bħala refuġjati f'wieħed tal-Istati Membri jkunu trasferiti minn pajjiż terz u stabbiliti fi Stat Membru fejn ikunu permessi jirresjedu b'wieħed mill-istati li ġejjin:

(i) status ta' refuġjat fis-sens tal-punt (d) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/83/KE, jew

(ii) status li joffri drittijiet u benefiċċji simili taħt liġi nazzjonali u tal-Unjoni bħala status ta' refuġjat;

(b) 'rilokazzjoni' tfisser il-proċess li bih, persuni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 4 (1) jiġu trasferiti mill-Istat Membru li tahom protezzjoni internazzjonali lejn Stat Membru ieħor fejn huma jingħataw protezzjoni ekwivalenti, jew persuni li jaqgħu taħt il-kategorija msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 4(1) jiġu trasferiti mill-Istat Membru li huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tagħhom lejn Stat Membru ieħor fejn l-applikazzjoni tagħhom għal protezzjoni internazzjonali tiġi eżaminata.

(c) 'ċittadini ta' pajjiż terz' tfisser kwalunkwe persuna li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 20 (1) tat-Trattat;

(d) 'minorenni mhux akkumpanja' tfisser kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat taħt l-età ta' 18-il sena, li jaslu jew ikun waslu fit-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjati minn adult responsabbli għalihom kemm bil-liġi jew il-prattika nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, u sakemm huma ma jittiħdux effettivament fir-responsabbiltà ta' tali persuna; dan jinkludi minorenni li jitħalla mhux akkumpanjat wara li hu/hi jkun daħal fit-territorju tal-Istati Membri;

(e) 'membri tal-familja' tfisser kwalunkwe persuni li huma qraba dipendenti fil-linja dixxendenti jew axxendenti, inklużi tfal adottati, il-konjuġi, l-imsieħba mhux miżżewġa b'relazzjoni fit-tul attestata kif xieraq jew fi sħubija rreġistrata, jekk applikabbli taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat;

(f) 'sitwazzjoni ta' emerġenza' tfisser sitwazzjoni li tirriżulta minn:

(i) pressjoni migratorja qawwija fi Stat Membru wieħed jew aktar karatterizzata minn fluss ta' dħul kbir u sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jpoġġu piżijiet sinifikanti u urġenti fuq il-faċilitajiet ta' akkoljenza u detenzjoni, sistemi u proċeduri tal-ażil tagħhom,

(ii) implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' protezzjoni temporanji fis-sens tad-Direttiva 2001/55/KE, jew

(iii) pressjoni migratorja qawwija f'pajjiżi terzi fejn ir-refuġjati huma miżmuma minħabba avvenimenti bħal żviluppi politiċi jew kunflitti.

*Artikolu 3*

**Objettivi**

1. L-objettiv ġenerali tal-Fond għandu jkun li jikkontribwixxi għal ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji fl-Unjoni bħala parti mill-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, skont il-politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja u l-politika komuni dwar l-immigrazzjoni.

2. Fi ħdan l-objettiv ġenerali tiegħu, il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) it-tisħiħ u l-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, inkluż id-dimensjoni esterna tagħha;

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi mkejjela permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' titjib fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fil-qasam tal-ażil, fil-kwalità tal-proċeduri tal-ażil, fil-konverġenza tar-rati ta' rikonoxximent fl-Istati Membri, u l-isforzi ta' risistemazzjoni mill-Istati Membri.

(b) l-appoġġ ta' migrazzjoni legali għall-Unjoni f'konformità mal-bżonnijiet ekonomiċi u soċjali tal-Istati Membri u l-promozzjoni tal-integrazzjoni effettiva ta' ċittadini ta'

pajjiżi terzi, inkluż dawk li jfittxu l-ażil u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali;

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi mkejjla permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' parteċipazzjoni miżjuda ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-impjieg, l-edukazzjoni u f'proċessi demokratiċi.

(c) sabiex jissaħħu strateġiji ta' ritorn ġusti u effettivi l-kapaċitajiet tal-Istati Membri b'enfasi fuq is-sostenibbiltà ta' ritorn u riammissjoni effettiva fil-pajjiżi tal-oriġini;

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha tiġi mkejjla permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, in-numru ta' persuni rritornati.

(d) it-titjib tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari lejn dawk l-aktar milquta mill-flussi migratorji u tal-ażil.

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' għajnuna reċiproka miżjuda bejn l-Istati Membri inkluż permezz ta' kooperazzjoni prattika u rilokazzjoni.

*Artikolu 4*

**Gruppi fil-mira**

1. Il-Fond għandu jikkontribbwixxi għall-finanzjament ta' azzjonijiet li jimmiraw kategorija ta' persuni waħda jew aktar li ġejjin:

(a) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li jkollhom l-istatus definit mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra u li huma permessi jirrisjedu bħala refuġjati f'wieħed mill-Istati Membri;

(b) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li jgawdu minn forma ta' protezzjoni sussidjarja fis-sens tad-Direttiva 2004/83/KE;

(c) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li jkunu applikaw għal waħda mill-forom ta' protezzjoni imsemmija fil-punti (a) u (b);

(d) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li jgawdu protezzjoni temporanja fis-sens tad-Direttiva 2001/55/KE;

(e) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li qed jiġu jew ikunu ġew risistemati fi Stat Membru;

(f) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li huwa residenti legalment fi Stat Membru jew li huwa fil-proċess li jikseb residenza legali fi Stat Membru;

(g) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jkun fit-territorju ta' pajjiż terz, li għandu l-ħsieb li jemigra lejn l-Unjoni u li jikkonforma ma' miżuri u/jew kundizzjonijiet ta' qabel it-tluq speċifiċi stabbiliti fil-liġi nazzjonali, inklużi dawk dwar l-abbiltà li jintegraw fis-soċjetà ta' Stat Membru;

(h) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li għadu ma rċeviex deċiżjoni negattiva finali fir-rigward tat-talba tagħhom għal permanenza, residenza legali u/jew protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru u li jistgħu jagħżlu li jagħmlu użu mir-ritorn volontarju, sakemm ma jkunux kisbu nazzjonalità ġdida u ma jkunux ħallew it-territorju ta' dak l-Istat Membru;

(i) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jgawdi mid-dritt ta' permanenza, residenza legali jew forma ta' protezzjoni internazzjonali fis-sens tad-Direttiva 2004/83/KE jew protezzjoni temporanja fis-sens tad-Direttiva 2001/55/KE fi Stat Membru, u li jkun għażel li jagħmel użu mir-ritorn volontarju, sakemm ma jkunx kiseb nazzjonalità ġdida u ma jkunx ħalla t-territorju ta' dak l-Istat Membru;

(j) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax jew m'għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul u/jew permanenza fi Stat Membru.

2. Il-grupp fil-mira għandu jinkludi membri tal-familja ta' persuni msemmija hawn fuq, fejn xieraq, u sa fejn japplikaw l-istess kundizzjonijiet.

# KAPITOLU II

SISTEMA EWROPEA KOMUNI TAL-AŻIL

*Artikolu 5*

**Sistemi tal-akkoljenza u l-ażil**

1. Fi ħdan l-objettiv speċifiku definit fil-punt (a) tal-Artikolu 3(2) u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tal-djalogu politiku *kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../... [ir-Regolament Orizzontali],* il-Fond għandu jappoġġja azzjonijiet li jimmiraw għal persuni msemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 4(1) u li għandhom x'jaqsmu, b'mod partikolari, ma' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) provvista ta' għajnuna materjali, edukazzjoni, taħriġ, servizzi ta' appoġġ, saħħa u kura psikoloġika;

(b) provvista ta' assistenza soċjali, informazzjoni jew għajnuna rigward formalitajiet amministrattivi u/jew ġudizzjarji u informazzjoni jew konsulenza dwar l-eżiti possibbli tal-proċedura tal-ażil, inkluż dwar aspetti bħal ritorn volontarju;

(c) il-provvista ta' għajnuna legali u assistenza lingwistika;

(d) assistenza speċifika għal persuni vulnerabbli bħal minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri weħidhom bi tfal minorenni, vittmi ta' trafikkar, persuni b'mard fiżiku serju, mard mentali jew kundizzjonijiet post-trawmatiċi, u persuni li kienu soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali;

(e) informazzjoni għall-komunitajiet lokali kif ukoll taħriġ għall-persunal ta' awtoritajiet lokali, li jkunu qed jitħalltu ma' dawk li jintlaqgħu;

(f) provvista ta’ azzjonijiet integrattivi mil-lista stabbilita fl-Artikolu 9(1), fejn dan ikun ikkombinat mal-akkoljenza tal-persuni msemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 4.

2. Fl-Istati Membri l-ġodda li ser jidħlu fl-Unjoni mill-1 ta’ Jannar 2013 u fl-Istati Membri li jiltaqgħu ma’ nuqqasijiet speċifiċi, strutturali fil-qasam tal-infrastruttura u s-servizzi ta’ akkomodazzjoni, minbarra l-azzjonijiet eliġibbli elenkati fil-paragrafu 1, il-Fond jista' jappoġġja wkoll azzjonijiet li jimmiraw għal:

(a) l-istabbiliment, l-iżvilupp u t-titjib tal-infrastruttura u s-servizzi ta’ akkomodazzjoni;

(b) it-twaqqif ta’ strutturi amministrattivi, sistemi u t-taħriġ tal-persunal u awtoritajiet ġudizzjarji rilevanti biex jiġi żgurat aċċess bla xkiel għall-proċeduri tal-ażil għal persuni li jfittxu l-ażil u proċeduri tal-ażil effiċjenti u ta’ kwalità.

*Artikolu 6*

**Kapaċità tal-Istati Membri li jiżviluppaw, jimmonitorjaw u jevalwaw il-politiki tal-ażil tagħhom**

Fi ħdan l-objettiv speċifiku definit fil-punt (a) tal-Artikolu 3 (2) u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu dwar il-politika *kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../... [ir-Regolament Orizzontali]*, l-azzjonijiet li ġejjin, għandhom b'mod partikolari jkunu eliġibbli:

(a) azzjonijiet li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri li jiġbru, janalizzaw u jxerrdu dejta u statistika dwar proċeduri tal-ażil, kapaċitajiet ta’ akkoljenza, azzjonijiet ta’ risistemazzjoni u rilokazzjoni;

(b) azzjonijiet li jikkontribwixxi direttament għall-evalwazzjoni tal-politiki dwar l-ażil, bħall-valutazzjonijiet nazzjonali tal-impatt, stħarriġ fost il-gruppi fil-mira, l-iżvilupp ta’ indikaturi u benchmarking.

*Artikolu 7*

**Risistemazzjoni u rilokazzjoni**

Fi ħdan l-objettiv speċifiku definit fil-punti (a) u (d) tal-Artikolu 3(2) u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu dwar il-politika kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament Orizzontali], il-Fond għandu, b'mod partikolari, jappoġġja l-azzjonijiet li ġejjin relatati mar-risistemazzjoni tal-persuni msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 4 u/jew ir-rilokazzjoni tal-persuni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 4(1):

(a) l-istabbiliment u l-iżvilupp ta’ programmi ta’ risistemazzjoni u rilokazzjoni nazzjonali;

(b) l-istabbiliment ta’ infrastruttura u servizzi xierqa biex tkun żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel u effettiva ta’ azzjonijiet ta’ risistemazzjoni u rilokazzjoni;

(c) it-twaqqif ta’ strutturi, sistemi u taħriġ tal-persunal biex jitwettqu missjonijiet f’pajjiżi terzi u/jew Stati Membri oħra, biex jitwettqu intervisti, analiżi mediċi u ta' sigurtà;

(d) il-valutazzjoni tal-każijiet ta' risistemazzjoni u/jew rilokazzjoni potenzjali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, bħat-twettiq ta' missjonijiet fil-pajjiż terz u/jew Stat Membru ieħor, intervisti, analiżi mediċi u ta' sigurtà;

(e) il-valutazzjoni tas-saħħa ta' qabel it-tluq u t-trattament mediku, il-provvisti ta' materjali qabel it-tluq, il-miżuri ta' informazzjoni ta' qabel it-tluq u l-arranġamenti dwar l-ivvjaġġar, inkluż il-provvista ta' servizzi ta' skorta medika;

(f) l-informazzjoni u l-assistenza mal-wasla, inklużi servizzi ta' interpretazzjoni;

(g) it-tisħiħ ta' infrastruttura u servizzi fil-pajjiżi deżinjati għall-implimentazzjoni tal-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali.

# KAPITOLU III

## INTEGRAZZJONI TA' ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI U MIGRAZZJONI LEGALI

*Artikolu 8*

### Miżuri tal-immigrazzjoni u ta' qabel it-tluq

Sabiex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni legali lejn l-Unjoni u sabiex jitħejjew aħjar il-persuni msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 4(1) għall-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà riċeventi fi ħdan l-objettiv speċifiku definit fil-punt (b) tal--Artikolu 3(2) u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu dwar il-politika *kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../... [ir-Regolament Orizzontali]*, l-azzjonijiet li ġejjin li jseħħu fil-pajjiż ta' oriġini, għandhom b'mod partikolari jkunu eliġibbli:

(a) kampanji b'pakketti ta' informazzjoni u ta' żieda fl-għarfien, inkluż permezz ta' komunikazzjoni faċli għall-utent u t-teknoloġija tal-informatika u websajts;

(b) il-valutazzjoni tal-kapaċitajiet u l-kwalifiki u t-titjib tat-trasparenza u l-ekwivalenza tal-kapaċitajiet u l-kwalifiki fil-pajjiżi ta' oriġini;

(c) taħriġ vokazzjonali;

(d) korsijiet komprensivi ta' orjentazzjoni ċivika u tagħlim tal-lingwa.

*Artikolu 9*

### Miżuri ta' integrazzjoni fil-livell lokali u reġjonali

1. Fi ħdan l-objettiv speċifiku definit fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2), l-azzjonijiet eliġibbli għandhom isiru fil-qafas ta' strateġiji konsistenti, implimentati minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, awtoritajiet lokali u/jew reġjonali u ddisinjati speċifikament għall-integrazzjoni, fil-livell lokali u/jew reġjonali, kif xieraq, tal-persuni msemmija fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 4(1). F'dan il-kuntest, l-azzjonijiet eliġibbli għandhom partikolarment jinkludu dan li ġej:

(a) it-twaqqif u l-iżvilupp tat-tali strateġiji ta' integrazzjoni, inkluż l-analiżi tal-bżonnijiet, it-titjib tal-indikaturi u l-evalwazzjoni;

(b) pariri u assistenza f'oqsma bħall-akkomodazzjoni fi djar, mezzi ta' sussistenza, gwida amministrattiva u legali, kura medika, psikoloġika u soċjali, kura tat-tfal;

(c) azzjonijiet ta' introduzzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-soċjetà riċeventi u l-azzjonijiet li jippermettulhom li jadattaw għaliha, biex jinfurmawhom dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, biex jipparteċipaw fil-ħajja ċivili u kulturali u biex jaqsmu l-valuri stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

(d) miżuri li jiffokaw fuq l-edukazzjoni, inkluż taħriġ fil-lingwa u azzjonijiet preliminari li jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq tax-xogħol;

(e) azzjonijiet imfassla biex jippromwovu l-awto-tisħiħ u li jippermettu li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jipprovdu għalihom infushom;

(f) azzjonijiet li jippromovu kuntatt sinifikattiv u djalogu kostruttiv bejn ċittadini ta' pajjiżi terzi u s-soċjetà riċeventi u azzjonijiet biex tiżdied l-aċċettazzjoni mis-soċjetà riċeventi, inkluż permezz tal-involviment tal-midja;

(g) azzjonijiet li jippromwovu kemm l-ugwaljanza tal-aċċess u kif ukoll l-ugwaljanza tar-riżultati fir-rigward tat-trattamenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ma' servizzi pubbliċi u privati, inkluż l-adattament ta' dawn is-servizzi biex jittrattaw ma' ċittadini minn pajjiżi terzi;

(h) bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni, inkluż l-iskambju ta' esperjenza u prattiki tajba, u n-networking.

2. L-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kategoriji differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-membri tal-familja tagħhom, inklużi dawk li jidħlu jew jirrisjedu għal skopijiet ta' impjieg jew impjieg indipendenti u ta' riunifikazzjoni tal-familja, il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, dawk li jfittxu l-ażil, il-persuni risistemati jew riallokati u gruppi vulnerabbli ta' migranti, b'mod partikolari, minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri weħidhom bi tfal minorenni, vittmi ta' traffikar, u persuni li kienu soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.

3. Azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu, fejn xieraq, ċittadini ta' Stat Membru bi sfond ta' migrazzjoni, li jfisser li jkollhom mill-inqas ġenitur wieħed (jiġifieri omm jew missier) li huwa ċittadin ta' pajjiż terz.

4. Għall-għan tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, is-sħubija msemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament Orizzontali] għandha tinkludi awtoritajiet deżinjati mill-Istati Membri għall-għan tal-ġestjoni tal-interventi tal-Fond Soċjali Ewropew.

*Artikolu 10*

**Miżuri tal-bini tal-kapaċità**

Fi ħdan l-objettiv speċifiku definit fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2) u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu dwar il-politika kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament Orizzontali], l-azzjonijiet eliġibbli għandhom partikolarment jinkludu dan li ġej:

(a) il-bini ta' strateġiji li jippromwovu l-migrazzjoni legali bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' dħul flessibbli, inter alia bl-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn aġenziji ta' reklutaġġ u servizzi tal-impjieg mill-Istati Membri u pajjiżi terzi, kif ukoll bl-appoġġ għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħhom tal-liġi tal-migrazzjoni tal-Unjoni, proċessi ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti u l-pariri esperti jew skambji ta' informazzjoni dwar approċċi li jimmiraw għal nazzjonalitajiet speċifiċi jew kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fir-rigward tal-ħtiġijiet tas-swieq tax-xogħol;

(b) it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri li jiżviluppaw, jimplimentaw, jimmonitorjaw u jevalwaw l-istrateġiji, politiki u miżuri tal-immigrazzjoni tagħhom fil-livelli differenti u d-dipartimenti tal-amministrazzjonijiet, partikolarment it-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom li jiġbru, janalizzaw u jxerrdu dejta u statistika dwar il-proċeduri u l-flussi migratorji, permessi ta' residenza u l-iżvilupp ta' għodda ta' monitoraġġ, skemi ta' evalwazzjoni, indikaturi u livelli għall-kejl tal-kisbiet ta' dawn l-istrateġiji;

(c) kapaċitajiet interkulturali ulterjuri ta' organizzazzjonijiet implimentattivi li jipprovdu servizzi pubbliċi u privati, inklużi istituzzjonijiet edukattivi, il-promozzjoni tal-iskambju ta' esperjenza u prattiċi tajba, kooperazzjoni u netwerking;

(d) il-bini ta' strutturi organizzattivi sostenibbli għall-integrazzjoni u l-ġestjoni tad-diversità, b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati differenti sabiex uffiċjali f'diversi livelli tal-amministrazzjonijiet nazzjonali jkunu jistgħu jiskbu malajr informazzjoni dwar esperjenzi u l-aħjar prattiki f'postijiet oħra, fejn possibbli, biex jingħabru flimkien ir-riżorsi;

(e) il-kontribuzzjoni għal proċess dinamiku fuq żewġ binarji ta' interazzjoni reċiproka, li jservi ta' bażi għal strateġiji ta' integrazzjoni f'livell lokali u reġjonali bl-iżvilupp ta' pjattaformi għall-konsultazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet interessati u l-pjattaformi ta' djalogu interkulturali u reliġjuż bejn komunitajiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u/jew bejn dawn il-komunitajiet u s-soċjetà riċeventi u/jew bejn dawk il-komunitajiet u l-awtoritajiet li joħolqu l-politika u li jieħdu ddeċiżjonijiet.

# KAPITOLU IV

RITORN

*Artikolu 11*

**Miżuri li jakkumpanjaw il-proċeduri ta' ritorn**

Fi ħdan l-objettiv speċifiku definit fil-punt (c) tal-Artikolu 3(2) u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu dwar il-politika kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru

…/… [ir-Regolament Orizzontali], il-Fond għandu jappoġġja azzjonijiet li jkollhom fil-mira persuni msemmija fil-punti (h) sa (j) tal-Artikolu 4(1) u jkunu b'mod partikolari dwar wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) l-istabbiliment u t-titjib ta' infrastruttura ta' akkomodazzjoni jew servizzi u kundizzjonijiet ta' akkoljenza jew detenzjoni;

(b) it-twaqqif ta' strutturi amministrattivi, sistemi u t-taħriġ tal-persunal sabiex ikunu żgurati proċeduri ta' ritorn mingħajr xkiel;

(c) il-provvista ta' għajnuna materjali, kura tas-saħħa u psikoloġika;

(d) il-provvista ta' assistenza soċjali, informazzjoni jew għajnuna fir-rigward ta' formalitajiet amministrattivi u/jew ġudizzjarji u informazzjoni jew pariri;

(e) il-provvista ta' għajnuna legali u assistenza lingwistika;

(f) assistenza speċifika għal persuni vulnerabbli bħal minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri weħidhom bi tfal minorenni, vittmi ta' traffikar, u persuni li kienu soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika , fiżika jew sesswali.

*Artikolu 12*

**Miżuri ta' ritorn**

Fi ħdan l-objettiv speċifiku definit fil-punt (c) tal-Artikolu 3(2) u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu dwar il-politika kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament Orizzontali], il-Fond għandu jappoġġja azzjonijiet li jkollhom fil-mira persuni msemmija fil-punti (h) sa (j) tal-Artikolu 4(1) u jkunu b'mod partikolari dwar wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet konsulari u servizzi ta' immigrazzjoni ta' pajjiżi terzi bil-ħsieb li jinkisbu d-dokumenti l-ivvjaġġar, l-iffaċilitar ta' ripatrijazzjoni u l-iżgurar tar-riammissjoni;

(b) miżuri ta' ritorn volontarji u assistiti, inklużi eżamijiet mediċi u assistenza, arranġamenti għall-ivvjaġġar, kontribuzzjonijiet finanzjarji, konsulenza u assistenza ta' qabel u wara r-ritorn;

(c) miżuri biex jitnieda l-progress ta' riintegrazzjoni għall-iżvilupp personali tar-ripatrijat, bħal inċentivi ta' flus, taħriġ, assistenza għal tqegħid u impjiegi u appoġġ fil-bidu għal attivitajiet ekonomiċi;

(d) faċilitajiet u servizzi fil-pajjiżi terzi fl-iżgurar ta' akkomodazzjoni temporanja xierqa u l-akkoljenza mal-wasla;

(e) assistenza speċifika għal persuni vulnerabbli bħal minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri weħidhom bi tfal minorenni, vittmi ta' traffikar, u persuni li kienu soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.

*Artikolu 13*

**Miżuri prattiċi ta' kooperazzjoni u ta' bini tal-kapaċità**

Fi ħdan l-objettiv speċifiku definit fil-punt (c) tal-Artikolu 3(2) u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu dwar il-politika kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament Orizzontali], l-azzjonijiet li ġejjin għandhom, b'mod partikolari, ikunu eliġibbli:

(a) azzjonijiet li jippromwovu u jsaħħu l-kooperazzjoni operattiva bejn is-servizzi ta' ritorn tal-Istati Membri, inkluż fir-rigward ta' kooperazzjoni ma' awtoritajiet konsulari u servizzi ta' immigrazzjoni ta' pajjiżi terzi;

(b) azzjonijiet għall-appoġġ tal-kooperazzjoni bejn servizzi ta' ritorn mill-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, inklużi miżuri li jimmiraw li jsaħħu l-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi li jwettqu dawn l-attivitajiet ta' riammissjoni u riintegrazzjoni fil-qafas ta' ftehimiet ta' riammissjoni;

(c) azzjonijiet li jsaħħu l-kapaċità biex ikunu żviluppati politiki effettivi u sostenibbli ta' ritorn, b'mod partikolari bl-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiżi ta' ritorn, l-aħjar prattiki, il-kondiviżjoni ta' esperjenza u l-ġbir flimkien ta' riżorsi bejn l-Istati Membri;

(d) azzjonijiet li jsaħħu l-kapaċità tal-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta' dejta u statistika dwar proċeduri u miżuri ta' ritorn, kapaċitajiet ta' akkoljenza u detenzjoni, ritorni infurzati u volontarji, il-monitoraġġ u r-riintegrazzjoni;

(e) azzjonijiet li jikkontribwixxu direttament għall-evalwazzjoni ta' politiki dwar ir-ritorn, bħal valutazzjonijiet nazzjonali tal-impatt, stħarriġ fost il-gruppi fil-mira, l-iżvilupp ta' indikaturi u benchmarking.

# KAPITOLU V

QAFAS FINANZJARJU U TA' IMPLIMENTAZZJONI

*Artikolu 14*

**Riżorsi globali u l-implimentazzjoni**

1. Ir-riżorsi globali għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu ta' EUR 3,869 miljun.

2. L-approprjazzjonijiet annwali għall-Fond għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-qafas finanzjarju.

3. Ir-riżorsi globali għandhom jiġu implimentati bil-mezzi li ġejjin:

(a) programmi nazzjonali, skont l-Artikolu 20;

(b) azzjonijiet tal-Unjoni, skont l-Artikolu 21;

(c) assistenza ta' emerġenza, skont l-Artikolu 22;

(d) In-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, skont l-Artikolu 23;

(e) assistenza teknika, skont l-Artikolu 24.

4. Ir-riżorsi globali disponibbli taħt dan ir-Regolament għandhom jiġu implimentati taħt il-ġestjoni kondiviża skont [punt (b) tal-Artikolu 55(1) tar-Regolament Finanzjarju l-Ġdid][25], bl-eċċezzjoni ta' azzjonijiet tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 21, l-assistenza ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 22, in-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni msemmi fl-Artikolu 23, u l-assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 24.

5. Ir-riżorsi globali għandhom jintużaw b'mod indikattiv kif ġej:

(a) EUR 3,232 miljun għall-programmi nazzjonali tal-Istati Membri;

(b) EUR 637 miljun għall-azzjonijiet tal-Unjoni, assistenza ta' emerġenza, in-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-assistenza teknika tal-Kummissjoni.

*Artikolu 15*

**Riżorsi għal azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri**

1. EUR 3,232 miljun għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri b'mod indikattiv kif ġej:

(a) EUR 2,372 miljun kif indikat fl-Anness I; (b)

(b) EUR 700 miljun ibbażati fuq il-mekkaniżmu ta' distribuzzjoni għal azzjonijiet speċifiċi kif imsemmi fl-Artikolu 16, għall-Programm ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 17 u għar-rilokazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 18;

(c) EUR 160 miljun fil-qafas tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu u mill-perjodu mis-sena baġitarja 2018, sabiex jitqiesu bidliet importanti fil-flussi migratorji u/jew ikunu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi stabbiliti mill-Kummissjoni provduti fl-Artikolu 19 .

2. L-ammont imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1għandu jappoġġja:

(a) azzjonijiet speċifiċi elenkati fl-Anness II,

(b) risistemazzjoni tal-persuni msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 4 u/jew rilokazzjoni tal-persuni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 4(1).

*Artikolu 16*

**Riżorsi għal azzjonijiet speċifiċi**

---

[25] Il-proposta tal-Kummissjoni – Ir-Regolament dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni (COM(2010)815 finali tat-22.12.2010). Din il-proposta tikkostitwixxi rtirar formali mill-Kummissjoni tal-proposti leġiżlattivi preċedenti COM(2010)71 finali u COM(2010)260 finali.

1. Jista' jiġi allokat lill-Istati Membri ammont addizzjonali kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 15(2) sakemm ikun allokat bħala tali fil-programm u għandu jintużaw biex jimplimenta azzjonijiet speċifiċi. Dawk l-azzjonijiet speċifiċi huma elenkati fl-Anness II.

2. Sabiex jitqiesu żviluppi ġodda ta' politika, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 26 li tirrevedi l-Anness II fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu. Fuq il-bażi tal-lista riveduta tal-azzjonijiet speċifiċi, l-Istati Membri jistgħu jirċievu ammont addizzjonali kif stipulat fil-paragrafu 1, bla ħsara għar-riżorsi disponibbli.

3. L-ammonti addizzjonali kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri fid-deċiżjonijiet individwali ta' finanzjament li japprovaw jew jirrevedu l-programm nazzjonali tagħhom fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament Orizzontali]. Dawn l-ammonti għandhom jintużaw biss għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet speċifiċi.

*Artikolu 17*

**Riżorsi għall-Programm ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni**

1. L-Istati Membri għandhom, minbarra l-allokazzjoni tagħhom ikkalkolata skont il-punt (a) tal-Artikolu 15(1), jirċievu kull sentejn ammont addizzjonali kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 15(2) li jkun ibbażat fuq is-somma sħiħa ta' EUR 6,000 għal kull persuna risistemata.

2. Is-somma sħiħa msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiżdied għal EUR 10,000 għal kull persuna risistemata skont il-prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni stabbiliti skont il-paragrafi 3 u 4 u elenkati fl-Anness III.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 26 biex tispeċifika kull sentejn il-prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni fuq il-bażi tal-kategoriji ġenerali li ġejjin:

– persuni minn pajjiż jew reġjun deżinjat għall-implimentazzjoni ta' Programm ta' Protezzjoni Reġjonali;

– persuni minn pajjiż jew reġjun li jkun ġie identifikat mit-tbassir ta' risistemazzjoni tal-UNHCR u fejn l-azzjoni komuni tal-Unjoni jkollha impatt sinifikanti fl-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni;

– persuni li jappartjenu għal kategorija speċifika li taqa' fil-kriterji ta' risistemazzjoni tal-UNHCR.

4. Il-gruppi vulnerabbli ta' refuġjati li ġejjin għandhom f'kwalunkwe każ ikunu inklużi fil-prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni u jikkwalifikaw għas-somma sħiħa provduta skont il-paragrafu 2:

– in-nisa u t-tfal f'riskju,

– minorenni mhux akkumpanjati,

– persuni bi ħtiġijiet mediċi li jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' risistemazzjoni,

– persuni li għandhom bżonn ta’ risistemazzjoni ta’ emerġenza jew risistemazzjoni ta’ urġenti għal ħtiġijiet ta’ protezzjoni legali jew fiżika.

5. Fejn Stat Membru jwettaq risistemazzjoni ta’ persuna skont aktar minn waħda mill-kategoriji msemmija fil-paragrafi 1 u 2, huwa għandu jirċievi s-somma sħiħa għal din il-persuna darba biss.

6. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi permezz ta’ atti implimentattivi l-iskeda taż-żmien u kundizzjonijiet oħra ta’ implimentazzjoni relatati mal-mekkaniżmu ta’ allokazzjoni ta’ riżorsi għall-Programm ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(2).

7. L-ammonti addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri kull sentejn, għall-ewwel darba fid-deċiżjonijiet individwali ta’ finanzjament li japprovaw il-programm nazzjonali tagħhom skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament Orizzontali] u aktar tard fid-deċiżjoni ta’ finanzjament li ser tiġi annessa mad-deċiżjonijiet li japprovaw il-programm nazzjonali tagħhom. Dawk l-ammonti m'għandhomx jiġu trasferiti għal azzjonijiet oħra taħt il-programm nazzjonali.

8. Sabiex effettivament issegwi l-objettivi tal-Programm ta’ Risistemazzjoni tal-Unjoni u fil-limiti tar-riżorsi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 26 biex taġġusta, jekk jitqies xieraq, is-somom sħaħ imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 18*

**Riżorsi għar-rilokazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom, minbarra l-allokazzjoni tagħhom ikkalkolata skont il-punt (a) tal-Artikolu 15(1), jirċievu, meta jitqies xieraq, ammont addizzjonali kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 15(2) li jkun ibbażat fuq is-somma sħiħa ta’ EUR 6,000 għal kull persuna rilokati minn Stat Membru ieħor.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-iskeda taż-żmien u kundizzjonijiet oħra ta’ implimentazzjoni relatati mal-mekkaniżmu ta’ allokazzjoni tar-riżorsi għar-rilokazzjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2).

3. L-ammonti addizzjonali imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri fuq bażi regolari, għall-ewwel darba fid-deċiżjonijiet individwali ta’ finanzjament li japprovaw il-programm nazzjonali tagħhom skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament Orizzontali] Orizzontali u aktar tard fid-deċiżjoni ta’ finanzjament li ser tiġi annessa mad-deċiżjoni li tapprova l-programm nazzjonali tagħhom. Dawk l-ammonti m'għandhomx jiġu trasferiti għal azzjonijiet oħra taħt il-programm nazzjonali.

4. Sabiex issegwi b’mod effettiv l-objettivi ta’ solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri u fi ħdan il-limiti ta’ riżorsi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 26 biex taġġusta s-somma sħiħa msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 19*

**Riżorsi fil-qafas tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu**

1. Sabiex talloka l-ammont indikat fil-punt (c) tal-Artikolu 15(1), sal-31 ta' Mejju 2017 il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtiġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tas-sistemi tal- ażil u l-akkoljenza tagħhom, is-sitwazzjoni tagħhom rigward il-flussi migratorji fil-perjodu 2014 sa 2016 u l-iżviluppi mistennija.

Il-Kummissjoni għandha tuża għall-valutazzjoni tagħha, fost oħrajn, l-informazzjoni miġbura mill-Eurostat, in-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, l-EASO u l-analiżi tar-riskju tal-Aġenzija Frontex.

Ibbażat fuq dik l-analiżi, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-livell ta' ħtiġijiet speċifiċi fir-rigward tas-sistemi tas-ażil u l-akkoljenza u fir-rigward tal-pressjoni migratorja fl-Istati Membri bl-aggregazzjoni tal-fatturi definiti kif ġej:

(a) sistemi tal-ażil u l-akkoljenza:

(i) fattur 1 għall-ebda ħtiġijiet speċifiċi

(ii) fattur 1,5 għal ħtiġijiet speċifiċi medji

(iii) fattur 3 għal ħtiġijiet speċifiċi għolja

(b) pressjoni migratorja:

(i) fattur 1 għall-ebda pressjoni partikolari

(ii) fattur 1,5 għal pressjoni partikolari medja

(iii) fattur 3 għal pressjoni partikolari għolja

2. Fuq il-bażi ta' dak il-mudell, il-Kummissjoni għandha tiddetermina permezz ta' atti implimentattivi l-Istati Membri li għandhom jirċievu ammont addizzjonali u tistabbilixxi matriċi ta' distribuzzjoni għall-allokazzjoni tar-riżorsi disponibbli fost dawn l-Istati Membri skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27 (3).

*Artikolu 20*

**Programmi nazzjonali**

1. Taħt il-programmi, li għandhom jiġu eżaminati u approvati skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament Orizzontali], l-Istati Membri għandhom isegwu b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin:

(a) it-tisħiħ tal-istabbiliment ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil bl-iżgurar tal-applikazzjoni effiċjenti u uniformi tal-acquis tal-Unjoni dwar l-ażil;

(b) l-appoġġ għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' Programm ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni bl-offerta ta' soluzzjonijiet dejjiema lir-refuġjati miżmuma f'pajjiżi terzi, b'mod partikolari skont il-prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni;

(c) it-twaqqif u l-iżvilupp ta’ strateġiji ta’ integrazzjoni f’livell lokali/reġjonali li jinkludu aspetti differenti tal-proċess dinamiku fuq żewġ binarji, li jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi ta’ kategoriji differenti ta’ migranti u l-iżvilupp ta' sħubiji effettivi bejn il-partijiet interessati kollha;

(d) l-iżvilupp ta’ programm ta’ ritorn volontarju assistit inkluż komponent dwar ir-riintegrazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet kollha appoġġjati taħt dan il-Fond huma kompatibbli mal-acquis tal-Unjoni dwar l-ażil u l-migrazzjoni, anke jekk ma jkunux marbuta minn jew soġġetti għall-applikazzjoni tal-miżuri rilevanti.

*Artikolu 21*

**Azzjonijiet tal-Unjoni**

1. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Fond jista’ jintuża biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta’ interess partikolari għall-Unjoni, dwar l-objettivi ġenerali u speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3.

2. Biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament, l-azzjonijiet tal-Unjoni għandhom, b'mod partikolari, jappoġġjaw:

(a) iż-żieda fil-kooperazzjoni tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u prattiċi tajbin fil-qasam tal-ażil, inklużi r-risistemazzjoni u r-rilokazzjoni, il-migrazzjoni legali, inkluż l-integrazzjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi, u r-ritorn;

(b) it-twaqqif ta’ netwerks ta' kooperazzjoni transnazzjonali u proġetti pilota, inklużi proġetti innovattivi, bbażati fuq sħubiji transnazzjonali bejn korpi li jinsabu f'żewġ Stati Membri jew aktar imfassla biex jistimolaw l-innovazzjoni, u biex jiffaċilitaw l-iskambji ta’ esperjenza u prattika tajba;

(c) studji dwar forom ġodda possibbli ta’ kooperazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ażil, l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni u r-ritorn u l-liġi rilevanti tal-Unjoni, it-tixrid u l-iskambju ta’ informazzjoni dwar l-aħjar prattiċi u l-aspetti l-oħra kollha tal-ażil, l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni u l-politika dwar ir-ritorn, inkluż il-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni;

(d) l-iżvilupp u l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta’ għodod statistiċi komuni, metodi u indikaturi għall-kejl ta’ żviluppi tal-politika fil-qasam tal-ażil, il-migrazzjoni legali u l-integrazzjoni u r-ritorn;

(e) l-appoġġ ta' tħejjija, monitoraġġ, amministrattiv u tekniku, l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni, meħtieġ biex jiġu implimentati l-politiki dwar l-ażil u l-immigrazzjoni;

(f) kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi, b’mod partikolari fil-qafas tal-implimentazzjoni ta’ ftehimiet ta’ riammissjoni, sħubiji ta’ mobilità u l-programmi ta’ protezzjoni reġjonali.

3. L-azzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu implimentati skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament Orizzontali].

*Artikolu 22*

**Assistenza ta' emerġenza**

1. Il-Fond għandu jipprovdi assistenza finanzjarja biex jindirizza ħtiġijiet urġenti u speċifiċi fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza.

2. L-assistena ta' emerġenza għandha tiġi implimentata skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament Orizzontali].

*Artikolu 23*

**Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni**

1. Il-Fond għandu jappoġġja n-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni u jipprovdi riżorsi finanzjarji meħtieġa għall-attivitajiet u l-iżvilupp futur tiegħu.

2. L-objettiv tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni għandu jkun:

(a) li jservi bħala kunsill konsultattiv tal-Unjoni għall-migrazzjoni u l-ażil permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni f'livell kemm nazzjonali u tal-Unjoni mar-rappreżentanti tal-Istati Membri, id-dinja akkademika, is-soċjetà ċivili, gruppi ta' riflessjoni u entitajiet tal-Unjoni/internazzjonali oħra;

(b) li jissodisfa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni dwar il-migrazzjoni u l-ażil ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri billi jipprovdi informazzjoni aġġornata, oġġettiva, affidabbli u komparabbli dwar il-migrazzjoni u l-ażil, sabiex jappoġġja t-tfassil tal-politika fl-Unjoni Ewropea f'dawn l-oqsma;

(c) li jipprovdi lill-pubbliku ġenerali bl'informazzjoni msemmija fil-punt (b).

3. Biex jilħaq l-objettiv tiegħu, in-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni għandu:

(a) jiġbor u jiskambja dejta u informazzjoni aġġornata, oġġettiva, affidabbli u komparabbli minn firxa wiesgħa ta' sorsi, inkluż f'laqgħat, b'mezzi elettroniċi, permezz ta' studji komuni u permezz ta' mistoqsijiet ad hoc;

(b) iwettaq analiżi tad-dejta u l-informazzjoni msemmija fil-punt (a), inkluż it-titjib tal-komparabilità, u jipprovdiha f'format faċilment aċċessibbli b'mod partikolari għal dawk li jfasslu l-politika;

(c) jipproduċi u jippubblika rapporti perjodiċi dwar is-sitwazzjoni dwar il-migrazzjoni u l-ażil fl-Unjoni u l-Istati Membri;

(d) permezz tal-provvista tal-informazzjoni miġbura minnu, iservi bħala referenza għall-pubbliku ġenerali għal informazzjoni oġġettiva, imparzjali dwar il-migrazzjoni u l-ażil.

4. In-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, l-EASO u l-Aġenzija Frontex għandhom jiżguraw li l-attivitajiet rispettivi tagħhom ikunu konsistenti u koordinati.

5. In-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni għandu jkun kompost minn:

(a) il-Kummissjoni, li għandha tikkoordina l-ħidma tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, u tiżgura, b'mod partikolari, li tirrifletti b'mod xieraq il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil;

(b) Bord ta' Tmexxija biex jipprovdi gwida politika fuq u japprova l-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, li jikkonsisti mill-Kummissjoni flimkien ma' esperti wieħed minn Stati Membri, il-Parlament Ewropew u minn entitajiet oħra rilevanti;

(c) Punti ta' Kuntatt Nazzjonali deżinjati mill-Istati Membri, kull wieħed jikkonsisti minn tal-inqas tliet esperti li kollettivament ikollhom kompetenza fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni, li jkopru l-aspetti ta' tfassil tal-politika liġi, riċerka u statistika, u li għandhom jikkoordinaw u jipprovdu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 19(1) sabiex ikollhom kontributi mill-partijiet interessati kollha rilevanti;

(d) entitajiet oħra rilevanti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

6. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi permezz ta' atti implimentattivi r-regoli dettaljati għall-funzjonament tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(2).

7. L-ammont disponibbli għan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni taħt l-approprjazzjonijiet annwali tal-Fond u l-programm ta' ħidma li jistabbilixxi l-prijoritajiet għall-attivitajiet tiegħu għandhom ikunu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(3) u, jekk possibbli, ikkumbinat mal-programm ta' ħidma ta' azzjonijiet tal-Unjoni u l-għajnuna għall-emerġenza..

8. Assistenza finanzjarja provduta għall-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni għandha tieħu l-forma ta' għotjiet lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali u kuntratti pubbliċi kif xieraq, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 24*

**Assistenza teknika**

1. Fuq inizjattiva u/jew f'isem il-Kummissjoni, sa EUR 2,5 miljun tal-Fond għandu jintuża annwalment għall-assistenza teknika skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament Orizzontali].

2. Fuq inizjattiva ta' Stat Membru, il-Fond għandu jikkontribwixxi sa 5% tal-ammont totali allokat lill-Istat Membru għall-assistenza teknika taħt il-programm nazzjonali skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament Orizzontali].

# KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 25*

**Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar somom sħaħ għar-risistemazzjoni u r-rilokazzjoni**

Permezz ta' deroga mir-regoli dwar l-eliġibilità tan-nefqa stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament Orizzontali], b'mod partikolari rigward is-somom sħaħ u r-rati fissi, is-somom sħaħ allokati lill-Istati Membri għar-risistemazzjoni u/jew ir-rilokazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom ikunu:

– eżentati mill-obbligu li jridu jkunu bbażati fuq dejta statistika jew storika; u

– mogħtija sakemm il-persuna li fir-rigward tagħha tiġi allokata s-somma sħiħa kienet effettivament risistemata u/jew riallokata skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 26*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu..

2. Id-delega ta' setgħat imsemmija f'dan ir-Regolament hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 7 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Id-delega ta' setgħat għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija f'dan ir-Regolament tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe atti delegati diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 27*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat komuni 'Ażil, Migrazzjoni u Sigurtà' stabbilit mill-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament Orizzontali].

2. Meta jsir riferiment għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta jsir riferiment għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 28*

**Reviżjoni**

Fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirrevedu dan ir-Regolament sat-30 ta' Ġunju 2020 l-aktar tard.

*Artikolu 29*

**Applikabbiltà tar-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament Orizzontali]**

Id-dispożizzjonijiet tar-[Regolament(EU) Nru .../…] għandhom japplikaw għal dan il-Fond.

*Artikolu 30*

**Revoka**

Id-Deċiżjonijiet li ġejjin għandhom ikunu revokati b'effett mill-1 ta' Jannar 2014:

(a) Id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE;

(b) Id-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE;

(c) Id-Deċiżjoni 2007/435/KE;

(d) Id-Deċiżjoni 2008/381/KE.

*Artikolu 31*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-kontinwità jew il-modifika, inkluż il-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti u l-programmi annwali kkonċernati, sal-għeluq tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tad-Deċiżjonijiet Nru

573/2007/KE, Nru 575/2007/KE u 2007/435/KE jew kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-kontinwità jew il-modifika, inkluż il-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-appoġġ finanzjarju approvat mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-Deċiżjoni 2008/381/KE jew kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

2. Meta jiġu adottati deċiżjonijiet dwar il-kofinanzjament taħt dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tqis il-miżuri adottati fuq il-bażi tad-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE, Nru 575/2007/KE, 2007/435/KE u 2008/381/KE ta' qabel [data tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali] li jkollhom riperkussjonijiet finanzjarji matul il-perjodu kopert minn dak il-kofinanzjament.

3. Is-somom iddedikati għall-kofinanzjament approvati mill-Kummissjoni bejn l-1 Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013 li għalihom id-dokumenti meħtieġa għall-għeluq tal-azzjonijiet ma jkunux intbagħtu lill-Kummissjoni sad-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapport finali għandhom jiġu diżimpenjati awtomatikament mill-Kummissjoni sat-31 ta' Diċembru 2017, filwaqt li jagħtu lok għall-ħlas lura ta' ammonti mħallsin indebitament.

4. L-ammonti relatati mal-azzjonijiet li jkunu ġew sospiżi minħabba l-proċedimenti legali jew l-appelli amministrattivi b'effett ta' sospensjoni m'għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tal-ammont tad-diżimpenn awtomatiku.

*Artikolu 32*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew* — *Il-President*

*Għall-Kunsill* — *Il-President*

# ANNESS I

## Analiżi tal-ammonti multiannwali indikattiva għal kull Stat Membru għall-2014-2020

| Stat Membru | Ammont minimu | Dejta statistika | TOTAL |
|---|---|---|---|
| L-Awstrija | 5,000,000 € | 63,223,378 € | **68,223,378 €** |
| Il-Belġju | 5,000,000 € | 74,592,179 € | **79,592,179 €** |
| Il-Bulgarija | 5,000,000 € | 6,492,853 € | **11,492,853 €** |
| Ċipru | 5,000,000 € | 22,924,043 € | **27,924,043 €** |
| Ir-Repubblika Ċeka | 5,000,000 € | 24,608,422 € | **29,608,422 €** |
| L-Estonja | 5,000,000 € | 5,283,369 € | **10,283,369 €** |
| Il-Finlandja | 5,000,000 € | 17,858,874 € | **22,858,874 €** |
| Franza | 5,000,000 € | 259,144,969 € | **264,144,969 €** |
| Il-Ġermanja | 5,000,000 € | 207,601,650 € | **212,601,650 €** |
| Il-Greċja | 5,000,000 € | 255,226,050 € | **260,226,050 €** |
| L-Ungerija | 5,000,000 € | 19,064,351 € | **24,064,351 €** |
| L-Irlanda | 5,000,000 € | 17,950,380 € | **22,950,380 €** |
| L-Italja | 5,000,000 € | 322,612,301 € | **327,612,301 €** |
| Il-Latvja | 5,000,000 € | 8,728,530 € | **13,728,530 €** |
| Il-Litwanja | 5,000,000 € | 4,327,992 € | **9,327,992 €** |
| Il-Lussemburgu | 5,000,000 € | 2,200,106 € | **7,200,106 €** |
| Malta | 5,000,000 € | 9,484,725 € | **14,484,725 €** |
| Il-Pajjiżi Baxxi | 5,000,000 € | 86,470,175 € | **91,470,175 €** |
| Il-Polonja | 5,000,000 € | 56,510,753 € | **61,510,753 €** |
| Il-Portugall | 5,000,000 € | 25,748,854 € | **30,748,854 €** |
| Ir-Rumanija | 5,000,000 € | 15,536,629 € | **20,536,629 €** |
| Is-Slovakkja | 5,000,000 € | 8,604,418 € | **13,604,418 €** |
| Is-Slovenja | 5,000,000 € | 10,451,804 € | **15,451,804 €** |
| Spanja | 5,000,000 € | 246,997,020 € | **251,997,020 €** |
| L-Isvezja | 5,000,000 € | 117,165,199 € | **122,165,199 €** |
| Ir-Renju Unit | 5,000,000 € | 353,190,975 € | **358,190,975 €** |
| **Total SM** | **130,000,000.00 €** | **2,242,000,000 €** | **2,372,000,000 €** |

# ANNESS II

**Lista tal-azzjonijiet speċifiċi skont l-Artikolu 16**

(1) L-istabbiliment u l-iżvilupp fl-Unjoni ta' ċentri tat-tranżitu u l-ipproċessar għar-refuġjati, b'mod partikolari għall-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' risistemazzjoni f'kooperazzjoni mal-UNHCR

(1) Approċċi ġodda, f'kooperazzjoni mal-UNHCR, dwar aċċess għal proċeduri tal-ażil li jkollhom fil-mira pajjiżi ewlenin ta' tranżitu bħal programmi ta' protezzjoni għal gruppi partikolari jew ċertu proċeduri għall-eżaminazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-ażil

(2) Inizjattivi konġunti fost l-Istati Membri fil-qasam tal-integrazzjoni, bħal eżerċizzji ta' benchmarking, reviżjonijiet minn pari jew l-ittestjar ta' moduli Ewropej, pereżempju dwar il-ksib ta' kapaċitajiet lingwistiċi jew l-organizzazzjoni ta' programmi introduttorji

(3) Inizjattivi konġunti mmirati lejn l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' approċċi ġodda li jikkonċernaw il-proċeduri tal-ewwel laqgħa u l-istandards ta' protezzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati

(4) Operazzjonijiet ta' ritorn konġunti, inklużi azzjonijiet konġunti dwar l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni tal-Unjoni

(5) Proġetti ta' riintegrazzjoni konġunti fil-pajjiżi ta' oriġini bil-ħsieb għal ritorn sostenibbli, kif ukoll azzjonijiet konġunti sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi biex jimplimentaw ftehimiet ta' riammissjoni tal-Unjoni

(6) Inizjattivi konġunti mmirati biex jirrestawraw l-unità tal-familja u r-riintegrazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom

(7) It-twaqqif ta' ċentri tal-migrazzjoni konġunti f'pajjiżi terzi, kif ukoll proġetti konġunti għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn aġenziji ta' reklutaġġ u servizzi tal-impjieg mill-Istati Membri u l-pajjiżi terzi

## ANNESS III

**Lista ta' prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni għall-2014-2015**

(1) Il-Programm ta' Protezzjoni Reġjonali fl-Ewropa tal-Lvant (il-Bjelorussja, il-Moldova, l-Ukraina)

(2) Il-Programm ta' Protezzjoni Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (Ġibuti, il-Kenja, il-Jemen)

(3) Il-Programm ta' Protezzjoni Reġjonali fl-Afrika ta' Fuq (l-Eġittu, il-Libja, it-Tuneżija)

(4) Ir-refuġjati fir-reġjun tal-Lvant tal-Afrika / L-Għadajjar il-Kbar

(5) Ir-refuġjati Iraqqini fis-Sirja, il-Libanu u l-Ġordan

(6) Ir-refuġjati Iraqqini fit-Turkija

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Il-qasam/l-oqsma tal-politika kkonċernata/i fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettiv/i

1.5. Bażi għall-proposta/inizjattiva

1.6. It-tul taż-żmien u l-impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst/i

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli tal-monitoraġġ u r-rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u ta' irregolaritajiet

## 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sinteżi tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi

3.2.3. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali

3.2.5. Parteċipazzjoni ta' parti terza fil-finanzjament

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

# 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

## 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Komunikazzjoni "Il-Bini ta' Ewropa miftuħa u sikura: il-baġit tal-affarijiet interni għall-2014-2020";<br><br>Proposta għal Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi;<br><br>Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil. |

## 1.2. Il-qasam/l-oqsma tal-politika kkonċernata/i fl-istruttura tal-ABM/ABB[26]

| |
|---|
| Attwalment Intestatura 3, Titolu 18 - L-Affarijiet Interni<br><br>Perspettivi Finanzjarji Multiannwali Futuri: Intestatura 3 (Sigurt u ċittadinanza) – "Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil" |

Natura tal-proposta/inizjattiva

☑ Il-proposta/inizjattiva hija relatata **ma' azzjoni ġdida** (finanzjament tal-affarijiet interni għall-perjodu 2014-2020)

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata **ma' azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[27]

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata **ma' azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

## 1.3. Objettivi

### *1.3.1. L-objettiv/i strateġiku/ċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

| |
|---|
| Il-mira finali tal-politiki tal-affarijiet interni hija sabiex tinħoloq żona mingħajr fruntieri interni fejn iċ-ċittadini tal-UE u ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jidħlu, jiċċirkolaw, jgħixu u jaħdmu, fil-waqt illi ġibu ideat ġodda, kapital, għarfien u innovazzjoni jew jimlew il-lakuni fis-swieq tax-xogħol nazzjonali, kunfidenti li d-drittijiet tagħhom ikunu rispettati bis-sħiħ u s-sigurtà tagħhom assigurata. Kooperazzjoni ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali hija kruċjali sabiex jinkiseb dan l-għan. |

26 ABM: Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività - ABB: Baġit Ibbażat fuq l-Attività.
27 Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

L-importanza dejjem tikber tal-politiki dwar l-affarijiet interni ġiet ikkonfermata mill-Programm ta' Stokkolma u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu, li l-implementazzjoni tiegħu hija prijorità strateġika għall-ħames snin li ġejjin u jkopri oqsma bħall-migrazzjoni (migrazzjoni legali u integrazzjoni; l-ażil; il-migrazzjoni irregolari u r-ritorn), is-sigurtà (il-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata; il-kooperazzjoni tal-pulizija) u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni (inkluż il-politika dwar il-viża), kif ukoll id-dimensjoni esterna ta' dawn il-politiki. It-Trattat ta' Lisbona jippermetti wkoll li l-Unjoni turi ambizzjoni akbar fir-rispons għat-tħassib ta' kuljum taċ-ċittadini fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Prijoritajiet ta' politiki tal-affarijiet interni, b'mod partikolari l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, għandhom jidhru ukoll fil-kuntest tas-seba' inizjattivi ewlenin ippreżentati fl-Istrateġija Ewropa 2020 li jimmiraw sabiex jgħinu lill-UE sabiex tegħleb il-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali u tikseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil se jipprovdi l-assistenza finanzjarja meħtieġa sabiex jaqilbu l-objettivi tal-affarijiet interni tal-Unjoni f'riżultati tanġibbli.

*1.3.2. Objettiv/i speċifiku/i u attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

**IL-FOND GĦALL-MIGRAZZJONI U L AŻIL**

(a) isaħħaħ u jiżviluppa s-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, inkluż id-dimensjoni esterna tagħha;

(b) jappoġġja migrazzjoni legali lejn l-Unjoni f'konformità mal-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali tal-Istati Membri u jippromwovi l-integrazzjoni effettiva ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż ta' dawk li jfittxu l-ażil u benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali;

(c) itejjeb il-kapaċitajiet tal-Istati Membri sabiex jippromwovu strateġiji ta' ritorn ġusti u effettivi, b'enfasi fuq is-sostenibbiltà ta' ritorn u riammissjoni effettiva fil-pajjiżi tal-oriġini;

(d) itejjeb is-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari lejn dawk l-aktar milquta mill-flussi migratorji u tal-ażil.

Attivitajiet ABB attwali kkonċernati: 18.03 (il-Fond Ewropew għar-Refuġjati, il-miżuri ta' emerġenza u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) u 18.02 (safejn huwa kkonċernat il-Fond Ewropew għar-Ritorn).

*1.3.3. Riżultat/i mistenni/ija u impatt*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi mmirati.*

L-effetti tal-proposta fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira jiġu deskritti f'aktar dettall fit-Taqsima 4.1.2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

B'mod ġenerali, is-simplifikazzjoni introdotta fil-livelli kollha tal-proċess ta' finanzjament u f'kull metodi ta' ġestjoni se jkollha benefiċċju ċar fuq il-proċessi li taħthom l-appoġġ finanzjarju se jiġi ġestit.

Il-benefiċjarji ewlenin tal-appoġġ finanzjarju għall-ażil u l-migrazzjoni se jkunu d-dipartimenti tal-Istati Membri responsabbli għall-implimentazzjoni ta' acquis jew politiki rilevanti kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali jew NGOs li qed jaħdmu fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni (proċeduri ta' ammissjoni, miżuri ta' integrazzjoni u operazzjonijiet ta' ritorn).

Il-gruppi fil-mira li jibbenefikaw mit-tibdil huma dawk l-jfittxu l-ażil, benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, refuġjati risistemati u ċittadini ta' pajjiżi terzi oħra li qed jaslu fl-UE għal diversi raġunijiet u li għandhom ħtiġijiet differenti (eż. ekonomiċi, riunifikazzjoni tal-familja, minorenni mhux akkumpanjati, eċċ). Ikun aktar faċli li jintlaħqu dawn il-gruppi fil-mira minħabba li l-għaqda ta' azzjonijiet differenti li jikkonċernaw il-ġestjoni ta' migrazzjoni f'Fond wieħed tirrendi l-aċċess għall-finanzjament aktar faċli (awtorità responsabbli waħda, viżibbiltà aħjar u ambitu aktar ċar ta' intervent) u tippermetti appoġġ aktar flessibbli (eż. l-istess tip ta' azzjoni li timmira lejn diversi gruppi fil-mira). L-ambitu tal-intervent se jitwessa' wkoll, u jkun ikopri l-katina sħiħa ta' migrazzjoni bi gruppi fil-mira differenti, inkluż gruppi fil-mira estiżi, jiġifieri ċittadini ta' pajjiżi terzi tat-tieni ġenerazzjoni (li għandhom omm jew missier li hija/huwa ċittadin ta' pajjiż terz).

*1.3.4. Indikaturi ta' riżultati u impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

Minħabba fil-ħtieġa li jitwettaq djalogu dwar il-politika qabel ma jiġu definiti l-programmi nazzjonali, mhuwiex possibbli li f'dan l-istadju jiġi stabbilit is-sett definittiv ta' indikaturi li se jintużaw sabiex titkejjel il-kisba tal-objettivi speċifiċi imsemmija hawn fuq.

Madankollu, fir-rigward tal-qasam tal-ażil u migrazzjoni, indikaturi għanhom jinkludi, fost oħrajn, il-livell ta' titjib fil-kundizzjonijiet taċ-ċentri ta' akkoljenza fil-qasam tal-ażil, fil-kwalità tal-proċeduri tal-ażil, fil-konverġenza tar-rati ta' rikonoxximent fl-Istati Membri, u fl-isforzi ta' risistemazzjoni tal-Istati Membri, il-livell ta' parteċipazzjoni miżjuda taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-impjieg, l-edukazzjoni u l-proċessi demokratiċi, in-numru ta' persuni rritornati u l-livell ta' għajnuna reċiproka msaħħa bejn l-Istati Membri inkluż permezz ta' kooperazzjoni prattika u rilokazzjoni.

## 1.4. Bażi għall-proposta/inizjattiva

*1.4.1. Rekwiżit/i li jridu jiġu sodisfatti fil-perjodu ta' żmien qasir jew twil*

L-UE se tkompli tiffaċċja sfidi importanti fil-qasam tal-affarijiet interni fil-perjodu 2014-2020. Minħabba fit-tibdil demografiku, tibdil strutturali fis-suq tax-xogħol u mudelli ta' kompetizzjoni għal ħiliet, politika ta' immigrazzjoni legali u integrazzjoni li tħares 'il quddiem se tkun kruċjali sabiex tittejjeb il-kompetittività u l-koeżjoni soċjali tal-UE, u ssaħħaħ is-soċjetajiet tagħna u toħloq opportunitajiet għal kulħadd. L-UE teħtieġ ukoll li tindirizza kif suppost il-migrazzjoni irregolari u l-ġlieda kontra t-traffikar fil-bnedmin. Fl-istess ħin, irridu nkomplu nuru solidarjetà ma' dawk li jeħtieġu l-protezzjoni internazzjonali. It-tlestija ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil aktar protettiva u effiċjenti li tirrifletti l-valuri tagħna tibqa' prijorità.

Kooperazzjoni ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali hija kruċjali sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet. Avvenimenti riċenti fl-Afrika ta' Fuq urew kemm hija importanti għall-UE li jkollha approċċ komprensiv u koordinat għall-migrazzjoni, fruntieri u sigurtà. Id-dimensjoni esterna dejjem aktar importanti tal-politiki tal-affarijiet interni tal-UE trid għalhekk tiġi rinfurzata, f'koerenza sħiħa mal-politika barranija tal-Unjoni.

*1.4.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Il-ġestjoni ta' flussi migratorji tippreżenta sfidi li ma jistgħux jiġu ttrattati mill-Istati Membri waħidhom. Dan huwa qasam fejn hemm valur miżjud ovvju fil-mobilizzazzjoni tal-baġit tal-UE.

Xi Stati Membri jġorru piż tqil minħabba fis-sitwazzjoni ġeografika speċifika tagħhom u t-tul tal-fruntieri esterni tal-Unjoni li jridu jamministraw. Il-prinċipju ta' solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta ta' responsabbiltajiet bejn Stati Membri huma għalhekk fil-qalba tal-politiki komuni dwar l-ażil u l-immigrazzjoni. Il-baġit tal-UE jipprovdi l-mezzi sabiex jiġu indirizzati l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' dan il-prinċipju.

Fir-rigward tad-dimensjoni esterna tal-affarijiet interni, huwa ċar li l-adozzjoni ta' miżuri u l-ġbir flimkien ta' riżorsi fil-livell tal-UE se jżidu b'mod sinifikanti s-saħħa tal-UE meħtieġa sabiex tikkonvinċi pajjiżi terzi sabiex jimpenjaw ruħhom mal-UE dwar dawk il-kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni li huma primarjament fl-interess tal-UE u l-Istati Membri.

Id-dritt tal-UE li taġixxi fil-qasam tal-affarijiet interni jirriżulta mit-Titolu V "Spazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja" tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikoli 77(2), 78(2), 79(2) u (4) 82(1), 84 u 87(2) TFUE. Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali hija koperta mill-Artikolu 212(3) TFUE. Il-proposti jirrispettaw il-prinċipju ta' sussidjarjetà minħabba li l-maġġoranza tal-finanzjament se tiġi implimentata skont il-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża u r-rispett tal-kompetenzi istituzzjonali tal-Istati Membri.

*1.4.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat*

Għalkemm l-istrumenti finanzjarji attwali tal-affarijiet interni huma ġeneralment ikkunsidrati li jiksbu l-objettivi u l-funzjoni tagħhom b'mod effettiv, it-tagħlimiet mir-reviżjoni ta' nofs it-terminu u l-konsultazzjoni tal-parti interessata huma li hemm ħtieġa li:

– Jiġu ssimplifikati l-istrumenti tal-affarijiet interni futuri billi jitnaqqas in-numru ta' programmi finanzjarji għal tnejn permezz tal-ħolqien ta' Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u Fond għas-Sigurtà Interna. Dan jippermetti lill-UE sabiex tagħmel użu aktar strateġiku tal-istrumenti tagħha sabiex jirreaġixxu aktar għall-prijoritajiet u l-ħtiġijiet politiċi tal-UE;

– Jissaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala parteċipant globali, billi jiġi inkluż komponent ta' dimensjoni esterna fil-Fondi futuri sabiex tiġi rinfurzata s-saħħa tal-UE fir-rigward tad-dimensjoni tal-politika esterna tal-politiki tal-affarijiet interni;

– Tingħata preferenza għall-ġestjoni kondiviża aktar milli ġestjoni ċentralizzata fejn possibbli sabiex jitneħħew piżijiet burokratiċi mhux meħtieġa;

– Jiġi stabbilit approċċ aktar orjentat lejn ir-riżultati għall-ġestjoni kondiviża billi wieħed jersaq lejn programmazzjoni multiannwali bi djalogu dwar il-politika f'livell għoli se jiżgura li l-programmi nazzjonali tal-Istati Membru huma allinjati għal kollox mal-objettivi u l-prijoritajiet tal-politika tal-UE u jiffokaw fuq il-kisba ta' riżultati;

– Tittejjeb il-ġestjoni ċentralizzata sabiex tipprovdi firxa ta' għodod għal attivitajiet immexxija mill-politika, inkluż appoġġ għal azzjonijiet transnazzjonali, b'mod partikolari azzjonijiet innovattivi u azzjonijiet f'pajjiżi terzi u relatati magħhom (id-dimensjoni esterna), kif ukoll azzjonijiet, studji u avvenimenti ta' emerġenza;

– Jiġi stabbilit qafas regolatorju komuni b'sett kondiviż ta' regoli dwar il-programmazzjoni, ir-rappurtar, il-ġestjoni finanzjarja u kontrolli li huwa simili kemm jista' jkun għal dak tal-Fondi l-oħra

tal-UE ġestiti bil-metodu ta' ġestjoni konġunta sabiex jiġi ġġenerat fehim aħjar tar-regoli mill-partijiet interessati kollha u sabiex jiġi żgurat grad għoli ta' koerenza u konsistenza;

– Jiġi provdut rispons mgħaġġel u effettiv fil-każ ta' emerġenzi, li jfassal il-Fondi sabiex l-UE tkun tista' tirreaġixxi b'mod xieraq f'sitwazzjonijiet li qed jevolvu b'rata mgħaġġla;

– Jittejjeb ir-rwol tal-aġenziji tal-affarijiet interni sabiex titrawwem kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri u billi jiġu fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi, fil-waqt li jiġi żgurat il-kontroll politiku xieraq fuq l-attivitajiet tal-aġenziji.

| |
|---|
| Aktar dettalji jistgħu jinstabu fil-valutazzjoni tal-impatt u l-memoranda ta' spjegazzjoni ta' kull Regolament. |

*1.4.4. Il-koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra*

| |
|---|
| Numru ta' strumenti oħra tal-UE se jipprovdu appoġġ għal attiviatjiet li huma kumplimentari għall-attivitajiet li se jiġu ffinanzjati taħt il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għas-Sigurtà Interna:<br><br>Il-Fond Soċjali Ewropew attwalment jappoġġja miżuri ta' integrazzjoni dwar aċċess għas-suq tax-xogħol fil-waqt li l-Fond għall-Integrazzjoni jiffinanzja miżuri bħal korsijiet ta' orjentazzjoni ċivika, parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali u ċivika, aċċess ugwali għal servizzi, eċċ. Miżuri ta' integrazzjoni se jkomplu jiġu appoġġjati fuq l-istess linji taħt il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond Soċjali Ewropea tal-futur.<br><br>Il-komponenti tad-dimensjoni esterna tal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għas-Sigurtà Interna se jappoġġjaw azzjonijiet f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom li huma adattati primarjament għal interessi u objettivi tal-UE, għandhom impatt dirett fl-UE u l-Istati Membri tagħha u jiżguraw kontinwità ma' attivitajiet implimentati fit-territorju tal-UE. Dan il-finanzjament se jitfassal u jiġi implimentat f'koerenza mal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-UE. Mhuwiex intenzjonat sabiex jappoġġja azzjonijiet li huma orjentati lejn l-iżvilupp u se jikkumplimenta, fejn xieraq, l-assistenza finanzjarja provduta permezz ta' strumenti ta' għajnuna esterna. F'dan il-kuntest, is-suċċessur għall-Programm Tematiku għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Istrument għall-Istabilità se jkun ta' interess partikolari għall-qasam tal-affarijiet interni. Filwaqt li strumenti ta' għajnuna esterna jew jappoġġjaw ħtiġijiet tal-iżvilupp ta' pajjiżi benefiċjarji jew jappoġġjaw interessi politiċi ġenerali tal-UE ma' imsieħba strateġiċi, fondi tal-affarijiet interni se jappoġġja azzjonijiet speċifiċi f'pajjiżi terzi fl-interess tal-politika tal-migrazzjoni tal-UE. Għalhekk se jimlew lakuna speċifika u se jikkontribwixxu għat-tlestija tas-sett ta' għodod għad-dispożizzjoni tal-UE. |

## 1.5. It-tul taż-żmien u l-impatt finanzjarju

☑ Proposta/inizjattiva ta' tul ta' **żmien limitat**

– ☑ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sa 31/12/2020

– ☑ Impatt finanzjarju minn 2014 sa 2023

☐ Proposta/inizjattiva ta' tul ta' **żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu għall-introduzzjoni minn YYYY sa YYYY,

– segwita bi skala sħiħa tal-operat.

### 1.6. Metodu/i ta’ ġestjoni previst/i[28]

☑Ġestjoni ċentralizzata diretta mill-Kummissjoni

☑ Ġestjoni ċentralizzata indiretta bid-delega tal-kompiti tal-implimentazzjoni lil:

– ☑ aġenziji eżekuttivi

– ☑ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[29]

– ☑ korpi mis-settur pubbliku nazzjonali/korpi b’missjoni ta’ servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☑ Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

☑ Ġestjoni deċentralizzata ma’ pajjiżi terzi

☑ Ġestjoni konġunta ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali (*li għandhom jiġu speċifikati*)

*Jekk tindika aktar minn metodu wieħed ta’ ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

| |
|---|
| Kummenti:<br><br>Il-proposti se jiġu implimentati prinċipalment permezz tal-ġestjoni kondiviża, ma' programmi nazzjonali multiannwali.<br><br>L-objettivi li jridu jinkisbu taħt il-programmi nazzjonali se jiġu kkumplimentati minn "azzjonijiet tal-Unjoni" u mekkaniżmu ta’ rispons rapidu sabiex jittratta sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Dawn se jieħdu prinċipalment il-forma ta’ għotjiet u akkwist taħt ġestjoni ċentralizzata diretta u se jinkludu azzjonijiet f’pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom.<br><br>Se jintużaw il-mezzi kollha possibbli sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni billi jiġu kkonċentrati riżorsi fuq il-ksib ta' numru limitat ta' objettivi tal-UE u permezz tal-għarfien espert ta' partijiet interessati ewlenin, fejn xieraq, fuq il-bażi ta' ftehimiet ta’ sħubiji u ftehimiet qafas.<br><br>Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni se tiġi implimentata minn ġestjoni ċentralizzata diretta. |

[28] Id-dettalji tal-metodi ta’ ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq il-websajt tal-Baġit: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[29] Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli tal-monitoraġġ u r-rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Għal ġestjoni kondiviża, qafas ta' rappurtar, monitoraġġ u evalwazzjoni koerenti u effiċjenti huwa propost. Għal kull programm nazzjonali, l-Istati Membri se jintalbu li jwaqqfu Kumitat ta' Monitoraġġ li fih tista' tipparteċipa l-Kummissjoni.

Fuq bażi annwali l-Istati Membri se jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tal-programm multiannwali. Dawn ir-rapporti huma kundizzjoni minn qabel għal pagamenti annwali. Sabiex idaħħlu informazzjoni fil-proċess ta' reviżjoni ta' nofs it-terminu, se jintalbu fl-2017 li jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar il-progress li sar fil-kisba tal-objettivi. Eżerċizzju simili se jitwettaq fl-2019, sabiex jippermetti, fejn xieraq, aġġustamenti matul l-aħħar sena finanzjarja (2020).

Filwaqt illi jappoġġjaw l-iżvilupp ta' kultura bbażata fuq l-evalwazzjoni fil-qasam tal-affarijiet interni, il-Fondi se jkollhom qafas komuni ta' evalwazzjoni u monitoraġġ b'indikaturi wiesgħa relatati mal-politika li jissottolinjaw l-approċċ orjentat lejn ir-riżultati tal-Fondi u r-rwol essenzjali li jista' jkollhom fit-taħlita tal-politika sabiex jiksbu l-objettiv tal-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Dawn l-indikaturi jirrelataw mal-impatt li l-Fondi jista' jkollhom: l-iżvilupp ta' kultura komuni ta' sigurtà fil-fruntieri, kooperazzjoni tal-pulizija u ġestjoni tal-kriżi; ġestjoni effettiva ta' flussi migratorji fl-UE; trattament ġust u ugwali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; solidarjetà u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-indirizzar tal-migrazzjoni u kwistjonijiet ta' sigurtà interna u approċċ komuni tal-UE dwar kemm il-migrazzjoni kif ukoll is-sigurtà lejn pajjiżi terzi.

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni adegwata tal-prinċipji dwar l-evalwazzjoni, u filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu l-esperjenza prattika mal-evalwazzjoni fl-Istati Membri taħt il-finanzjament attwali tal-UE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jaħdmu flimkien sabiex jiżviluppaw il-qafas komuni ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, inter alia billi jiddefinixxu mudelli u indikaturi komuni ta' riżultati.

Il-miżuri kollha se jiġu stabbiliti fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, b'hekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu s-sistemi tagħhom ta' rappurtar u evalwazzjoni fuq il-bażi ta' prinċipji u rekwiżiti maqbula.

Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u jiġu żgurati sinerġiji bejn ir-rappurtar u l-evalwazzjoni, l-informazzjoni meħtieġa għal rapporti ta' evalwazzjoni se tibni fuq u tlesti l-informazzjoni provduta mill-Istati Membri fir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali.

Fl-2018, il-Kummissjoni se tissottometti wkoll rapport dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu mwettqa tal-programmi nazzjonali.

B'mod aktar ġenerali, il-Kummissjoni se tissottometti rapport intermedjarju dwar l-implimentazzjoni tal-Fondi sal-31.12.2018 u rapport ta' evalwazzjoni ex-post sat-30.06.2024, li jkopri l-implimentazzjoni sħiħa (jiġifieri mhux biss programmi nazzjonali taħt ġestjoni kondiviża).

## 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

### *2.2.1. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll*

Riskju/i identifikat/i Dan huwa kkonfermat min-nuqqas rikorrenti ta' sejbiet sinifikanti fir-rapporti annwali tal-Qorti tal-Awdituri kif ukoll min-nuqqas ta' rata ta' żbalji residwali 'l fuq minn 2% fis-snin li għaddew f'rapporti annwali ta' attività tad-DĠ HOME (u DĠ JLS preċedenti).

F'ġestjoni kondiviża, ir-riskji ġenerali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programmi attwali jaqgħu prinċipalment fi tliet kategoriji:

– Ir-riskju ta' użu immirat ineffiċjenti jew insuffiċjenti ta' fondi;

– Żbalji li jirriżultaw mill-kumplessità ta' regoli u dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll;

– Użu ineffiċjenti ta' riżorsi amministrattivi (proporzjonalità limitata ta' rekwiżiti);

Ta' min isemmi wkoll elementi speċifiċi li jikkonċernaw is-sistema tal-erba' Fondi taħt il-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi Migratorji".

– Is-sistema ta' programmi annwali tiżgura li l-pagamenti finali jsiru b'mod regolari abbażi ta' nefqa ċertifikata u verifikata. Madanollu, il-perjodu ta' eliġibbiltà tal-programmi annwali ma jibqax konness mas-sena finanzjarja tal-UE u l-katina tal-assigurazzjoni hija għalhekk mhux sodisfaċenti għal kollox, minkejja sistema qawwija ħafna.

– Jiġu stabbiliti regoli dettaljati ta' eliġibbiltà mill-Kummissjoni. Dan jiżgura fi prinċipju l-omoġeneita tan-nefqa ffinanzjata. Madankollu joħloq ukoll ammont ta' xogħol mhux meħtieġ għal awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni u jżid ir-riskju ta' żbalji minn benefiċjarji u/jew Stati Membri minħabba fil-miżinterpretazzjonijiet tar-regoli tal-UE.

– Is-sistemi attwali ta' ġestjoni u ta' kontroll huma qrib ħafna għal dawk taħt il-Fondi Strutturali. Madankollu, jippreżentaw differenzi żgħar, notevolment fil-katina ta' responsabbiltajiet bejn awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni u Awtoritajiet ta' Verifika. Dan joħloq konfużjoni fl-Istati Membri, b'mod partikolari meta l-awtoritajiet ikunu qed jaġixxu fiż-żewġ tipi ta' Fondi. Dan iżid ukoll ir-riskju ta' żbalji u jeħtieġ monitoraġġ aktar intensiv.

Dawn l-elementi se jinbidlu b'mod sinifikanti f'din il-proposta:

– Is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll se jsegwu r-rekwiżiti ġenerali stabbiliti fil-Fondi tas-CSF u se jikkonformaw għal kollox mar-rekwiżiti ġodda tar-Regolament Finanzjarju l-Ġdid: it-tliet awtoritajiet se jiġu sostitwiti minn żewġ awtoritajiet (l-Awtorità Responsabbli u l-Awtorità ta' Verifika) li r-rwoli tagħhom huma ċċarati bil-ħsieb li tiġi provduta assigurazzjoni aħjar.

– Programmazzjoni multiannwali kkombinata ma' saldu annwali bbażata fuq il-pagamenti li jsiru mill-Awtorità Responsabbli se tallinja l-perjodi ta' eliġibbiltà mal-kontijiet annwali tal-Kummnissjoni, mingħajr ma żżid il-piż amministrattiv meta mqabbel mas-sistema attwali.

– Se jitwettqu kontrolli fuq il-post bħala parti mill-kontrolli tal-ewwel livell, jiġifieri mill-Awtorità Responsabbli u se jappoġġjaw id-dikjarazzjoni annwali ta' ġestjoni ta' assigurazzjoni.

– Il-kjarifika u s-simplifikazzjoni tar-regoli tal-eliġibbiltà kif ukoll l-armonizzazzjoni tagħhom ma' strumenti finanzjarji oħra ta' appoġġ tal-UE se jnaqqsu l-iżbalji magħmula minn benefiċjarji li jużaw l-assistenza minn sorsi differenti. Dawn ir-regoli tal-eliġibbiltà se jiġu stabbiliti f'livell nazzjonali, ħlief għal xi prinċipji bażiċi, simili għal dawk użati għall-Fondi tas-CSF.

– L-użu ta' opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati huwa inkoraġġit, speċjalment għal għotjiet żgħar.

F'gestjoni ċentralizzata, ir-riskji ewlenin huma dawn li ġejjin:

– Riskju ta' korrispondenza dgħajfa bejn il-proġetti rċevuti u l-prijoritajiet politiċi tad-DĠ HOME;

– Riskju ta' kwalità fqira ta' proġetti magħżula u implimentazzjoni teknika fqira tal-proġett, li jnaqqsu l-impatt tal-programmi; minħabba fi proċeduri mhux adegwati ta' selezzjoni, nuqqas ta' għarfien espert jew monitoraġġ insuffiċjenti;

– Riskju ta' użu ineffiċjenti jew mhux ekonomiku ta' fondi mogħtija, kemm għal għotjiet (kumplessità tar-rimborż ta' spejjeż eliġibbli attwali kkombinata ma' possibbiltajiet llimitati sabiex jiġu kkontrollati spejjeż eliġibbli fl-uffiċċju u għall-akkwist (xi kultant numru llimitat ta' provvedituri ekonomiċi bl-għarfien speċjalizzat meħtieġ li jinvolvi possibbiltajiet mhux suffiċjenti sabiex jiġu mqabbla prezzijiet offruti);

– Riskju relatat mal-kapaċità ta' (speċjalment) organizzazzjonijiet iżgħar sabiex jikkontrollaw b'mod effettiv in-nefqa kif ukoll sabiex jiżguraw it-trasparenza ta' operazzjonijiet imwettqa.

– Riskju għar-reputazzjoni għall-Kummissjoni, jekk jiġu skoperti l-frodi jew attivitajiet kriminali; assigurazzjoni parzjali biss tista' titfassal mis-sistemi ta' kontroll intern tal-partijiet terzi minħabba fin-numru kemmxejn kbir ta' kuntratturi u benefiċjarji eteroġeni, kull wieħed jopera s-sistema ta' kontroll tiegħu stess, ħafna drabi kemmxejn żgħar fid-daqs.

Il-maġġoranza ta' dawn ir-riskji huma mistennija li jitnaqqsu bis-saħħa ta' mmirar aħjar ta' proposti u l-użu ta' elementi simplifikati inklużi fir-Regolament Finanzjarju l-Ġdid.

*2.2.2. Metodu/i ta' kontroll prevvist/i*

Ġestjoni kondiviża:

**Fil-livell tal-Istati Membru**, l-arkitettura proposta tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tirrappreżenta evoluzzjoni tal-pjan fis-seħħ fl-2007-2013 u tippriserva ħafna mill-funzjonijiet imwettqa fil-perjodu attwali inklużi verifiki amministrattivi u fuq il-post, verifiki tas-sistemi ta' kontroll u ta' ġestjoni u verifiki tal-proġetti. Is-sekwenza ta' dawn il-funzjonijiet hija madankollu mibdula sabiex tirrendi l-kontrolli fuq il-post responsabbiltà ċara tal-Awtorità Responsabbli bħala riżultat tal-preparazzjoni għall-eżerċizzju tas-saldu annwali tal-kontijiet.

Sabiex jirrinfurzaw il-kontabilità, l-Awtoritajiet Responsabbli se jiġu akkreditati minn korp nazzjonali tal-akkredizzjoni li hu responsabbli mis-superviżjoni kontinwa tagħhom. It-tnaqqis fin-numru ta' awtoritajiet - mhux aktar Awtorità ta' Ċertifikazzjoni u t-tnaqqis fin-numru tal-Fondi - huwa mistenni li jnaqqas il-piż amministrattiv u jsaħħaħ il-possibbiltà għall-bini ta' kapaċità amministrattiva aktar qawwija, iżda jippermetti wkoll diviżjoni aktar ċara tar-responsabilitajiet.

Sal-lum ma hija disponibbli l-ebda stima affidabbli fir-rigward tal-ispiża tal-kontrolli tal-Fondi tal-ġestjoni kondiviża fil-qasam tal-Affarijiet Interni. L-unika stima disponibbli hija relatata mal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni fejn l-ispejjeż tal-kompiti relatati ma' kontrolli (fuq livell nazzjonali u esklużi l-ispejjeż tal-Kummissjoni) huma stmati madwar 2% tat-total ta' finanzjament amministrat fil-perjodu 2007-2013. Dawn l-ispejjeż huma relatati mal-oqsma ta' kontroll li ġejjin: 1% ġejjin minn koordinazzjoni nazzjonali u tħejjija tal-programm, 82% huma relatati mal-ġestjoni tal-programm, 4% maċ-ċertifikazzjoni u 13% mal-verifika.

Il-proposti li ġejjin se jżidu l-ispejjeż ta' kontroll:

– il-ħolqien u l-funzjonament ta' korp ta' akkreditazzjoni u b'mod ġenerali l-bidla fis-sistema;

– is-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' ġestjoni li takkompanja l-kontijiet annwali;

– il-kontrolli fuq il-post li jridu jsiru mill-Awtorità Responsabbli;

– il-ħtieġa għal attività addizzjonali ta' verifika mill-Awtoritajiet tal-Verifika biex jivverifikaw id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni.

Madankollu hemm ukoll proposti li se jnaqqsu l-ispejjeż ta' kontroll:

– L-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni mhijiex se tibqa' teżisti. Għalkemm il-funzjonijiet tagħhom se jiġu trasferiti parzjalment lill-Awtorità Responsabbli, dan se jippermetti li l-Istat Membru jiffranka parti sostanzjali tal-ispejjeż relatati maċ-ċertifikazzjoni minħabba f'effiċjenza amminstrattiva aħjar, ħtieġa mnaqqsa għal koordinazzjoni u tnaqqis tal-ambitu tal-verifiki;

– Il-kontrolli li jridu jitwettqu mill-Awtorità ta' Verifika se jiġu orjentati aktar lejn it-twettiq mill-ġdid (kampjun ta') ta' kontrolli amministrattivi u fuq il-post tal-ewwel livell imwettqa mill-Awtorità Responsabbli. Dan se jħaffef il-proċedura kontradittorja u jiżgura li l-kontrolli kollha meħtieġa jitwettqu qabel is-sottomissjoni tal-kontijiet annwali;

– L-użu tal-ispejjeż simplifikati li jnaqqsu l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi fil-livell kollha, kemm għall-amministrazzjonijiet kif ukoll għall-benefiċjarji;

– Għeluq annwali, u l-limitazzjoni tal-perjodu għas-saldu ta' konformità sa 36 xahar se jnaqqas il-perjodu ta' żamma tad-dokumenti għal finijiet ta' kontroll għal amministrazzjonijiet u benefiċjarji pubbliċi;

– It-twaqqif ta' flussi ta' komunikazzjoni elettronika bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jkun obbligarorju.

Ma' dawn għandhom jiżdiedu l-elementi ta' simplifikazzjoni elenkati taħt §2.2.1 hawn fuq li se jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis ta' piż amministrattiv għal benefiċjarji u għaldaqstant jirrappreżentaw tnaqqis simultanju ta' riskji ta' żball u ta' piż amministrattiv.

Għalhekk, b'mod ġenerali huwa mistenni li dawn il-proposti se jwasslu għal distribuzzjoni mill-ġdid ta' spejjeż ta' kontroll aktar milli żieda jew tnaqqis. Huwa madankollu antiċipat li din id-distribuzzjoni mill-ġdid ta' spejjeż (matul funzjonijiet u minħabba fl-arranġamenti proporzjonati ta' kontroll, anke matul Stati Membri u programmi) se tippermetti mitigazzjoni aktar effettiva ta' riskji u katina aħjar u aktar mgħaġġla ta' assigurazzjoni.

**Fil-livell tal-Kummissjoni**, l-ispiża ta' ġestjoni u kontrolli għal ġestjoni kondiviża mhijiex mistennija li tonqos fl-ewwel nofs tal-perjodu ta' programmazzjoni. Dan huwa l-ewwelnett il-każ minħabba li l-ammont u l-oqsma tal-politika kkonċernati minn ġestjoni kondiviża se jespandu meta mqabbel mal-perjodu attwali. Għalhekk iż-żamma tal-istess riżorsi diġà se jeħtieġu kisbiet fl-effiċjenza. Barra minn hekk, l-ewwel snin se jiġu kkaratterizzati mill-għaqda ta' ħafna kompiti importanti li jridu jitwettqu: għeluq ta' programmi 2007-2013 (l-aħħar rapporti tal-għeluq dovuti sal-31 ta' Marzju 2016), djalogi dwar il-politika u approvazzjoni tal-programmi nazzjonali multiannwali 2014-2020, it-twaqqif ta' sistema ġdida ta' saldu tal-kontijiet. Fit-tieni nofs tal-perjodu, ir-riżorsi potenzjali disponibbli se jintużaw sabiex itejbu l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ.

Ġestjoni ċentralizzata

Fir-rigward ta' ġestjoni ċentralizzata, il-Kummissjoni se tkompli tapplika s-sistema ta' kontroll attwali tagħha li hija magħmula mill-komponenti li ġejjin: is-sorveljanza ta' operazzjonijiet mid-direttorati operattivi, il-kontroll ex-ante mill-Unit tal-Baġit u l-Kontroll, il-Kumitat tal-Akkwist Intern (JPS/HPC), il-kontrolli ex-post għal għotjiet jew il-verifiki mill-Kapaċità tal-Verifika Interna u/jew is-Servizz tal-Verifika Interna. Is-settur ta' kontroll ex-post japplika "strateġija ta' skoperta" immirata lejn l-iskoperta ta' massimu ta' anomaliji bil-ħsieb li jiġu rkuprati pagamenti mhux dovuti. Abbażi ta' din l-istrateġija, il-verifiki jitwettqu fuq kampjun ta' proġetti magħżula kważi għal kollox fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju.

Bis-saħħa ta' din il-kombinazzjoni ta' kontrolli ex-ante u ex-post kif ukoll kontrolli f'uffiċċju u verifiki fuq il-post, f'dawn l-aħħar snin ir-rata medja kwantifikabbli tal-iżbalji residwali kienet aktar baxxa minn 2%. Għalhekk, is-sistema ta' kontroll interna kif ukoll l-ispiża tagħha titqies adegwata f'DĠ HOME sabiex jinkiseb l-objettiv ta' rata baxxa tal-iżbalji.

Madankollu, fi ħdan dan il-qafas, DĠ HOME se jkompli jesplora possibbiltajiet sabiex tittejjeb il-ġestjoni u tiżdied is-simplifikazzjoni. B'mod partikolari, l-opzjonijiet kollha ssimplifikati li jsiru disponibbli fir-Regolament Finanzjarju l-Ġdid se jintużaw kemm jista' jkun minħabba li huwa mistenni li se jikkontribbwixxu għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv għal benefiċjarji u għaldaqstant jirrappreżenta tnaqqis simultanju ta' risji tal-iżbalji u tal-piż amministrattiv għall-Kummissjoni.

Linji ta' żvilupp ġodda

Il-proposti jipprevedu linji ta' żvilupp ġodda għall-finanzjament tal-UE fil-qasam tal-affarijiet interni, eż. użu aħjar tal-għarfien espert li jeżisti fl-aġenziji tal-UE, l-iżvilupp tad-dimensjoni esterna u t-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' emerġenza.
Dawn se jeħtieġu metodi ġodda ta' ġestjoni u ta' kontroll għad-DĠ Home.
L-ammonti li se jiġu ddedikati għal dawn il-linji ta' żvilupp ġodda għadhom ma ġewx iffissati, iżda mhux probabbli li jkunu sinifikanti meta mqabbla mal-baġit globali tal-affarijiet interni. Madankollu, ikun importanti ħafna li jitwaqqfu l-mezzi interni u l-arranġamenti tax-xogħol sabiex jiġu implimentati dawn il-kompiti l-ġodda kmieni kemm jista' jkun fi ħdan il-perjodu, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

L-analiżi hawn fuq turi biċ-ċar li, minkejja s-simplifikazzjonijiet kollha introdotti, il-livell ta' riżorsi umani meħtieġa sabiex jiġi implimentat il-baġit miżjud ta' DĠ HOME se jkollu jiġi rinfurzat.
Ir-riżosi umani meħtieġa se jiġu sodisfatti mill-persunal mid-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fi ħdan id-DĠ, flimkien ma', jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe

allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni taħt l-allokazzjoni annwali u fid-dawl ta' restrizzjonijiet baġitarji

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni jew protezzjoni eżistenti jew dawk previsti.*

Flimkien mal-applikazzjoni tal-mekkaniżmi regolatorji kollha ta' kontroll, DĠ HOME se jfassal strateġija kontra l-frodi f'konformità mal-istrateġija l-ġdida kontra l-frodi tal-Kummissjoni (CAFS) adottata fl-24 ta' Ġunju 2011 sabiex jiġi żgurat inter alia li l-kontrolli relatati interni kontra l-frodi huma allinjati għal kollox mal-CAFS u li l-approċċ tal-ġestjoni tar-riskju tal-frodi huwa adattat sabiex jidentifika oqsma tar-riskju tal-frodi u tweġibiet adegwati. Fejn meħtieġ, se jitwaqqfu gruppi ta' netwerking u għodod adegwati tal-IT iddedikati għall-analiżi ta' każijiet tal-frodi relatati mal-Fondi.

Fir-rigward tal-ġestjoni kondiviża, il-CAFS tidentifika biċ-ċar il-ħtieġa li l-proposti tal-Kummissjoni għar-regolamenti tal-2014-2020 jitolbu lill-Istati Membri sabiex idaħħlu fis-seħħ miżuri tal-prevenzjoni tal-frodi li huma effettivi u proporzjonati għar-riskji tal-frodi identifikati. Il-proposta attwali tinkludi f'Artikolu 5 ħtieġa ċara mill-Istati Membri sabiex jiġu preklużi, skoperti u kkoreġuti irregolaritajiet u sabiex jiġi rrappurtat lill-Kummissjoni. Aktar dettalji fir-rigward ta' dawn l-obbligi se jkunu parti mir-regoli dettaljati dwar il-funzjonijiet tal-Awtorità Responsabbli kif previst fl-Artikolu 24(5)(c).

Barra minn hekk, l-użu mill-ġdid ta' fondi li jiġu minn korrezzjoni finanzjarja bbażata fuq kummissjoni jew sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri ġiet indikata b'mod ċar fl-Artikolu 41.

## 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji tal-baġit tan-nefqa eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linji tal-baġit.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja baġitarja | Tip ta' Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff.([30]) | minn pajjiżi tal-EFTA[31] | minn pajjiżi kandidati[32] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| 3 | | Diff | LE | LE | LE | LE |

- Linji tal-baġit ġodda mitlubin

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linji tal-baġit.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja baġitarja | Tip ta' Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru<br>Intestatura 3 | Diff./mhux-diff. | minn pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| 3 | 18 01 04 aa<br>Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil - Assistenza teknika | Mhux Diff | LE | LE | LE | LE |
| 3 | 18 02 aa<br>Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil | Diff | LE | LE | LE | LE |

30 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux-Diff. = Approprjazzjonijiet mhux-differentiated
31 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
32 Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Punent tal-Balkani.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sinteżi tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali** | **Numru 3** | Sigurtà u Ċittadinanza |
|---|---|---|

| **DĠ HOME** | | | **2014** | **2015** | **2016** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • **Approprjazzjonijiet operattivi (prezzijiet attwali)** | | | | | | | | | | | |
| 18 02 aa<br>Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil | Impenji | (1) | 517.492 | 527.892 | 538.500 | 549.320 | 560.356 | 571.613 | 586.266 | **-** | **3,851.439** |
| | Pagamenti | (2) | 90.085 | 102.823 | 270.844 | 420.790 | 532.681 | 543.385 | 554.303 | **1,336.528** | **3,851.439** |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| **Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi**[33] | | | | | | | | | | | |
| 18 01 01 aa<br>Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil | | (3) | 2.500 | 2.500 | 2.500 | 2.500 | 2.500 | 2.500 | 2.500 | | **18.500** |
| **TOTAL għal DG HOME** | Impenji | =1+1a +3 | **519.992** | **530.392** | **541.000** | **551.820** | **562.856** | **574.113** | **588.766** | | **3,868.939** |
| | Pagamenti | =2+2a +3 | **92.585** | **105.323** | **273.344** | **423.290** | **535.181** | **545.885** | **556.803** | **1,336.528** | **3,868.939** |

[33] L-assistenza u/jew in-nefqa teknika u/jew amministrattiva bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u/jew l-azzjonijiet (linji "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | 5 | " Nefqa amministrattiva " |
|---|---|---|

Billi hemm elementi komuni fl-implimentazzjoni tal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għas-Sigurtà Interna bħad-djalogu politiku ma' kull Stat Membru u billi l-organizzazzjoni interna tad-DG HOME għall-iżgurar tal-ġestjoni tal-Fondi l-ġodda (kif ukoll l-egħluq tal-programmi attwalment ġestiti) tista' tevolvi, mhuwiex possibbli li n-nefqa Amministrattiva bejn il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għas-Sigurtà Interna tinqasam.

Għalhekk iċ-ċifri relatati mal-Intestatura 5 t'hawn taħt jikkorrispondu għan-nefqa amministrattiva totali meqjusa neċessarja għall-iżgurar tal-ġestjoni taż-żewġ Fondi mid-DG u m'hemm l-ebda total tal-approprjazzjonoijiet.

EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

| | | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | **Wara 2020** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: HOME | | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 20.841 | 20.841 | 20.841 | 20.841 | 20.841 | 20.841 | 20.841 | | **145.887** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0,156 | 0,159 | 0,162 | 0,165 | 0,168 | 0,172 | 0,175 | | **1,157** |
| **TOTAL DĠ** HOME | **20.997** | **21.000** | **21.003** | **21.006** | **21.009** | **21.013** | **21.016** | | **147.044** | **165,589** |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL approprjazzjonijiet Taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | (Impenji totali = Pagamenti totali) | **20.997** | **21.000** | **21.003** | **21.006** | **21.009** | **21.013** | **21.016** | | **147.044** |

EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

| | | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL taħt l-INTESTATURA 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | **M/A** | **M/A** | **M/A** | **M/A** | **M/A** | **M/A** | **M/A** | **M/A** | |
| | Pagamenti | | | | | | | | | |

### 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu tal-approprjazzjonijiet operattivi

– ☑ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu tal-approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:
Il-politika tal-Affarijiet Interni hija implimentata prinċipalment minn ġestjoni kondiviża. Filwaqt li prijoritajiet ta’ nfiq huma stabbiliti fil-livell tal-UE, ġestjoni kwotidjana attwali hija vestita fl-Awtoritajiet Responsabbli f’livell nazzjonali. Indikaturi u miri ta’ riżultati komuni se jiġu deċiżi flimkien mill-Kummissjoni u l-Awtoritajiet Responsabbli bħala parti mill-programmi nazzjonali tagħhom, u approvati mill-Kummissjoni. Huwa għalhekk diffiċli li jiġu indikati miri għal riżultati sakemm il-programmi jiġu abbozzati, innegozjati u approvati fl-2013/14.
Fir-rigward tal-ġestjoni ċentralizzata, lanqas ma huwa possibbli għad-DĠ HOME li jipprovdi lista eżawrjenti tar-riżultati kollha li jridu jitwasslu permezz tal-intervent finanzjarju taħt il-Fondi, l-ispejjeż medji u n-numri tagħhom, kif mitlub minn din it-taqsima. Fil-mument ma hemm l-ebda għodda statistika li tippermetti l-kalkolu ta’ spejjeż medji sinifikanti fuq il-bażi tal-programmi attwali, u din id-definizzjoni preċiża tkun kontra l-prinċipju li l-programm futur għandu jipprovdi biżżejjed flessibbiltà sabiex ikun adattat għal prijoritajiet politiċi bejn l-2014-2020. Dan huwa partikolarment veru għal assistenza ta’ emerġenza u azzjonijiet f’pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom.

Approprjazzjonijiet tal-impenji f’miljuni ta’ euro (sa 3 postijiet deċimali)

| **Indika objettivi u riżultati** | | | Sena N | | Sena N+1 | | Sena N+2 | | Sena N+3 | | ...daħħal snin kemm meħtieġa sabiex turi t-tul ta’ żmien tal-impatt (ara punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **RIŻULTATI** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| ⇩ | Tip ta’ riżultat[34] | Spiża medja tal-output | Numru Outputs | Spiża | Numru Outputs | Spiża | Numru Outputs | Spiża | Numru Outputs | Spiża | Numru Outputs | Spiża | Numru Outputs | Spiża | Numru Outputs | Spiża | Numru totali ta' riżultati | Total spiża |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1…[35] | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

34 L-outputs huma prodotti u servizzi li għandhom ikunu pprovduti (e.g.: numru ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, numru ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).
35 Kif deskritt fit-Taqsima 1.4.2. "Objettiv/i speċifiku/i…"

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Sub-totali għal objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Sub-totali għal objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **SPIŻA TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

*3.2.3. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sinteżi

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☑ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu tal-approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

Billi hemm elementi komuni fl-implimentazzjoni tal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għas-Sigurtà Interna bħad-djalogu politiku ma' kull Stat Membru u billi l-organizzazzjoni interna tad-DG HOME għall-iżgurar tal-ġestjoni tal-Fondi l-ġodda (kif ukoll l-egħluq tal-programmi attwalment ġestiti) tista' tevolvi, mhuwiex possibbli li n-nefqa Amministrattiva bejn il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għas-Sigurtà Interna tinqasam.

Għalhekk iċ-ċifri relatati mal-Intestatura 5 t'hawn taħt jikkorrispondu għan-nefqa amministrattiva totali meqjusa neċessarja għall-iżgurar tal-ġestjoni taż-żewġ Fondi mid-DG u m'hemm l-ebda total tal-approprjazzjonoijiet.

EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali) **HOME**

| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali**[36] | **2014** | **2015** | **2016** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani HOME | 20.841 | 20.841 | 20.841 | 20.841 | 20.841 | 20.841 | 20.841 | **145,887** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,156 | 0,159 | 0,162 | 0,165 | 0,168 | 0,172 | 0,175 | **1,157** |
| **Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | **20.997** | **21.000** | **21.003** | **21.006** | **21.009** | **21.013** | **21.016** | **147.044** |

| **Barra l-INTESTATURA 5**[37] **tal-qafas finanzjarju multiannwali** [38] | **2014** | **2015** | **2016** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani HOME | 0.640 | 0.640 | 0.640 | 0.640 | 0.640 | 0.640 | 0.640 | **4.480** |
| Nefqa oħra Ta' natura amminsitrattiva | 1.860 | 1.860 | 1.860 | 1.860 | 1.860 | 1.860 | 1.860 | **13.020** |

[36] Pakkett globali, ibbażat fuq l-Allokazzjoni Finali għal Riżorsi Umani tal-2011, inkluż uffiċjali u persunal estern

[37] L-assistenza u/jew in-nefqa teknika u/jew amministrattiva bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u/jew l-azzjonijiet (linji "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

[38] Persunal estern iffinanzjat minn linji BA preċedenti, bbażati fuq l-Allokazzjoni Finali għal Riżorsi Umani tal-2011, inkluż persunal estern fil-Kwartieri ġenerali u f'Delegazzjonijiet

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | **2.500** | **2.500** | **2.500** | **2.500** | **2.500** | **2.500** | **2.500** | **17.500** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | **M/A** | **M/A** | **M/A** | **M/A** | **M/A** | **M/A** | **M/A** | **M/A** |

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– ☑ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt: Ċifri użati għas-sena n huma dawk għall-2011.

Billi hemm elementi komuni fl-implimentazzjoni tal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għas-Sigurtà Interna bħad-djalogu politiku ma' kull Stat Membru u billi l-organizzazzjoni interna tad-DG HOME għall-iżgurar tal-ġestjoni tal-Fondi l-ġodda (kif ukoll l-egħluq tal-programmi attwalment ġestiti) tista' tevolvi, mhuwiex possibbli li n-nefqa Amministrattiva bejn il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għas-Sigurtà Interna tinqasam.

Għalhekk iċ-ċifri relatati mal-Intestatura 5 t'hawn taħt jikkorrispondu għan-nefqa amministrattiva totali meqjusa neċessarja għall-iżgurar tal-ġestjoni taż-żewġ Fondi mid-DG u m'hemm l-ebda total tal-approprjazzjonoijiet.

*L-istima għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew l-iktar sa ċifra waħda wara l-punt deċimali)*

| | | Sena N | Sena N+1 | Sena **N+2** | Sena N+3 | **Sena N+4** | **Sena N+5** | **Sena N+6** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Il-karigi tal-pjan tal-istabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji) HOME** | | | | | | | | |
| 18 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 136 | 136 | 136 | 136 | 136 | 136 | 136 |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | 15 | 15 | 15 | 15 | 15 | 15 | 15 |
| 18 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti Full Time: FTE)**[39] | | | | | | | | |
| 18 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali") | | 16 | 16 | 16 | 16 | 16 | 16 | 16 |
| XX 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet) | | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 |
| **18 0**1 04 aa[40] | - fil-Kwartieri ġenerali[41] | | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 |
| | - f'delegazzjonijiet | | * | * | * | * | * | * |
| **XX** 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Oħrajn 13 01 04 02) | | | | | | | | |

[39] CA= Aġent Kuntrattwali; INT= persunal tal-aġenzija (" *Intérimaire*"); JED= "*Jeune Expert en Délégation* " (Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet); LA= Aġent Lokali; SNE= Espert Nazzjonali Ssekondat;

[40] Taħt il-limitu massimu għall-persunal estern mill-approprjazzjonijiet operattivi (linji "BA" preċedenti).

[41] Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | **M/A** | **M/A** | **M/A** | **M/A** | **M/A** | **M/A** | **M/A** |

**XX** huwa l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżosi umani meħtieġa se jiġu sodisfatti mill-persunal mid-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fi ħdan id-DĠ, flimkien ma', jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni taħt l-allokazzjoni annwali u fid-dawl ta' restrizzjonijiet baġitarji. Ammonti u imputazzjonijiet jiġu aġġustati jekk ikun hemm proċess ta' esternalizzazzjoni għal Aġenzija Eżekuttiva.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji fil-kwartieri ġenerali | Il-kompiti li jridu jitwettqu jinkludu l-kompiti kollha meħtieġa għall-ġestjoni ta' programm finanzjarju, bħal:<br><br>- il-provista ta' input għall-proċedura tal-baġit;<br>- it-twettiq tad-djalogu dwar il-baġit ma' Stati Membri;<br>- it-tħejjija ta' programmi annwali ta' xogħol/deċiżjonijiet ta' finanzjament, l-istabbilizzazzjoni ta' prijoritajiet annwali, l-approvazzjoni ta' programmi nazzjonali;<br><br>- il-ġestjoni ta' programmi nazzjonali, sejħiet għal proposti u sejħiet għal offerti u l-proċeduri ta' selezzjoni sussegwenti;<br>- il-komunikazzjoni ma' partijiet interessati (benefiċjarji potenzjali/attwali, l-Istati Membri,eċċ);<br>- l-abbozzar ta' linji gwida lill-Istati Membri<br>- il-ġestjoni ta' proġetti, b'mod operattiv u finanzjarju;<br>- it-twettiq ta' kontrolli, kif deskritt hawn fuq (verifika ex ante, kumitat ta' akkwist, verifiki ex post, verifika interna, saldu ta' kontijiet);<br>- il-kontabilità;<br>- l-iżvilupp u l-ġestjoni ta' għodod tal-IT tal-ġestjoni tal-għotja u l-programm nazzjonali;<br>- il-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-kisbiet tal-objettivi, inkluż fir-Rapport Annwali ta' Attività u r-rapporti mill-Uffiċjal Awtorizzanti b'subdelega |
| Persunal estern | Il-kompiti huma simili għal dawk ta' uffiċjali u aġenti temporanji, ħlief għal kompiti li ma jistgħux jitwettqu minn persunal estern |
| Persunal f'delegazzjonijiet | Sabiex jakkompanjaw l-iżvilupp tal-implimentazzjoni politika tal-qasam tal-affarijiet interni, u b'mod partikolari d-dimensjoni esterna tiegħu, delegazzjonijiet tal-UE jeħtieġ li jiġu mgħammra b'għarfien espert suffiċjenti tal-affarijiet interni. Dan jista' jkun persunal mill-Kummissjoni Ewropea u/jew mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. |

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

– ☑ Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali **li jmiss**.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi r-riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

| |
|---|
| Spjega x'riprogrammazzjoni hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali[42].

| |
|---|
| Spjega dak li huwa meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Il-kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għall-kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☑ Il-proposta tipprovdi li l-finanzjament Ewropew jeħtieġ li jiġi ko-finanzjat. L-ammont eżatt ma jistax jiġi kwantifikat. Ir-regolament jistabbilixxi rati massimi ta' kofinanzjament differenzjati f'konformità mat-tipi ta' azzjonijiet:

Approprjazzjonijiet f' EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

| | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | SM | SM | SM | SM | SM | SM | SM | |
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet kofinanzjati | tbd | tbd | tbd | tbd | tbd | tbd | tbd | |

42 Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/inizjattiva ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha dan l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

| Linja tad-dħul tal-baġit: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena tal-baġit kontinwa | Impatt tal-proposta/inizjattiva[43] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | ...daħħal kolonni kemm meħtieġa sabiex tirrifletti t-tul ta' żmien tal-impatt (ara punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għal dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja/i tan-nefqa tal-baġit affettwata/i.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

43 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, dazji fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % tal-imposti tal-ġbir.